# OPPORTUNITÀ MWETTQA

## RAPPORT TAL-ATTIVITÀ 2018

Bank Ewropew tal-Investiment
il-bank tal-UE

IL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

RAPPORT TAL-ATTIVITÀ 2018

# OPPORTUNITÀ MWETTQA

Bank Ewropew tal-Investiment

*il-bank tal-UE*

**Rapport tal-Attività tal-Bank Ewropew tal-Investiment 2018**

© Bank Ewropew tal-Investiment, 2019.
Kull dritt riżervat.
Kwalunkwe mistoqsija dwar drittijiet u liċenzjar għandha tiġi indirizzata lil publications@eib.org

Il-BEI jixtieq jirringrazzja lill-promoturi u l-fornituri li ġejjin
għar-ritratti li jidhru f'dan ir-rapport:
©BEI, RIMAC Kull dritt riżervat.

L-awtorizzazzjoni biex dawn ir-ritratti jiġu riprodotti jew użati trid tinkiseb direttament minn sid id-drittijiet tal-awtur.
Għal aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-BEI, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tagħna, www.eib.org.
Tista' wkoll tikkuntattja l-Infodesk tagħna, info@eib.org. Irċievi n-newsletter elettronika tagħna fuq www.eib.org/sign-up

Ippubblikat mill-Bank Ewropew tal-Investiment.
Edituri: It-Tim Editorjali tal-BEI
Tqassim: EIB GraphicTeam
Stampat fuq Karta FSC. Kopertina: Soporset Premium Offset, FSC Mix; ġewwa: Munken Polar, FSC Mix

print: QH-BF-19-001-MT-C ISBN 978-92-861-4143-0 ISSN 2599-6789 doi:10.2867/336827
pdf: QH-BF-19-001-MT-N ISBN 978-92-861-4150-8 ISSN 2599-7017 doi:10.2867/574489

## KIF DAN IR-RAPPORT HUWA STRUTTURAT

Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa l-akbar istituzzjoni finanzjarja multilaterali fid-dinja. Jekk tixtieq ħarsa ġenerali ta' xi jfisser dan f'termini ta' volum ta' tislif, tista' taqra **L-PUNTI EWLENIN TAL-2018 U L-GRUPP TAL-BEI F'PAJJIŻEK**. Flimkien ma' dawn hemm **KELMTEJN QABEL MILL-PRESIDENT**, fejn Werner Hoyer jispjega l-istrateġija u l-ħsieb tal-attività tal-BEI fl-2018, u jkollok idea ċara tal-impatt enormi tal-Bank u tar-raġunament tiegħu.

Iżda l-volum ma jagħtix l-istampa sħiħa. Huwa għalhekk li ktibna dan ir-rapport biex ninkludu tliet taqsimiet li jiffokaw fuq l-aspetti ewlenin tal-għanijiet tagħna: **IMPJIEGI U TKABBIR, SOSTENIBBILTÀ U UGWALJANZA BEJN IS-SESSI**. It-taqsimiet dwar l-impjiegi u s-sostenibbiltà t-tnejn jiffurmaw rakkont mis-sors tal-finanzjament – investitur individwali tal-pensjoni fiż-żewġ każijiet – permezz tal-proċess kbir ta' ħruġ ta' bonds u tislif, sakemm l-istorja tagħna tilħaq il-benefiċjarju aħħari. Hemm se tiltaqgħu mal-mara fil-Kroazja li l-impjieg tagħna bħala inġiniera nħoloq minn dak il-mekkaniżmu kumpless u l-mexxej tal-mikrofinanzjament ta' ispirazzjoni li qed jagħmel differenza tant vitali fis-Senegal. Fit-taqsima dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, se ssibu firxa ta' proġetti, fejn kull wieħed minnhom jagħti kontribut għas-sigurtà jew l-avvanz tan-nisa f'negozji tal-BEI mill-Indja sal-Irlanda.

B'sostenn għal dan kollu hemm l-ambizzjoni tagħna li ngħidulkom dwar l-approċċ sostenibbli tal-BEI biex joħloq opportunità għaċ-ċittadini tal-UE u għan-nies fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dan huwa r-rakkont ta' dak li ddeċidejna li nagħmlu fl-2018. Waqt li nħarsu lura lejn is-sena, nistgħu ngħidu b'fiduċja u kburija: **OPPORTUNITÀ MWETTQA**.

# WERREJ


6 KELMTEJN QABEL

8 PUNTI EWLENIN 2018

10 IL-GRUPP TAL-BEI F'PAJJIŻEK

12 RABTIET LI JORBTUNA FLIMKIEN — IMPJIEGI U TKABBIR

14 GĦALLIEM B'FIRXA GLOBALI
15 FONDI LI JAPPOĠĠJAW L-AMBJENT
16 IL-FINANZJAMENT TAL-BANK TAL-UE
18 DAK GĦASFUR? DAK AJRUPLAN? DAK DEJN TA' RISKJU!
19 INTLAĦQET IL-MIRA
20 MINN FEJN TIXTRI L-INNOVAZZJONI?
22 X'JIĠI L-EWWEL, IT-TIĠIEĠA JEW IL-BATTERIJA?
23 IL-KAROZZA ELETTRIKA – U S-SIĠĠU TAR-ROTI – L-AKTAR VELOĊI FID-DINJA?
24 IT-TINDIF TAL-ADRIJATIKU U L-INDUSTRIJA TAL-KAROZZI

26 TRIQ TWILA U URĠENTI — SOSTENIBBILTÀ

28 TROBBIJA F'POST SPEĊJALI
29 DOVER LI NIPPROTEĠU L-FUTUR
30 BONDS ĠODDA GĦAL FUTUR SOSTENIBBLI
32 SANITÀ AĦJAR, TFAL AKTAR B'SAĦĦITHOM
33 SOSTENIBBILTÀ GĦAL ŻMIEN FIT-TUL
34 ATTIVISTA MIT-TFULIJA
35 FONDAZZJONI TAL-MIKROKREDITU TAĦDEM BIEX IN-NIES MA JIBQGĦUX JGĦIXU FIL-FAQAR

36 KEMM TIPPROVA TWARRAB NOFS IL-PJANETA — UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

38 IDEAT GĦALL-ĠEJJIENI
39 SETGĦA TAN-NISA (RINNOVABBLI)
40 SELF MIKRO B'IMPATT KBIR
41 MINN TA' QUDDIEM FL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI U S-SAĦĦA

42 XI JMISS?

# KELMTEJN QABEL

Fis-60 sena tal-attivitajiet tiegħu, il-Bank Ewropew tal-Investiment iltaqa' ma' ambjent li jeħtieġ appoġġ Ewropew sod u sinjali ta' stabbiltà. Il-valuri Ewropej u l-multilateraliżmu ġew attakkati min-nazzjonaliżmu parrokkjali. Fl-istess ħin, il-Bank kellu jirreaġixxi għal ċirkostanzi ekonomiċi li kienu qed jinbidlu, it-tnaqqis kontinwu tal-kompetittività Ewropea u nuqqas fil-finanzjament tal-innovazzjoni.

Jiena kburi mill-fatt li l-Grupp tal-BEI għadda minn dawn il-perikli b'aġilità u sensibbiltà li normalment mhumiex assoċjati ma' istituzzjonijiet venerabbli kbar. Dan ir-rapport jispjega fid-dettall l-impatt li għamel il-BEI matul is-sena fuq il-kwistjonijiet ewlenin ta' llum, bħall-kompetittività, l-impjiegi, l-ugwaljanza bejn is-sessi u s-sostenibbiltà. Tkellimna ma' msieħba ġodda, fittxejna klijenti ġodda u investigajna ideat ġodda. Ħdimna taħt pressjoni kostanti kkawżata minn avvenimenti esterni, bħal Brexit u l-ħtieġa konsegwenzjali li nassiguraw ir-rekwiżiti kapitali tagħna. Il-BEI temm din is-sena aktar b'saħħtu minn qatt qabel, u qassam investimenti ġodda li ser ikunu sors ta' impjiegi u tkabbir sostenibbli għad-deċennji li ġejjin. Aħna nkomplu ninvestu fil-ġejjieni tal-Ewropa.

L-impjiegi u t-tkabbir huma l-miri l-aktar importanti tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, u fl-2018 il-BEI rnexxielu sew jilħaq il-miri tiegħu għaż-żewġ pilastri tal-Pjan li huwa responsabbli għalihom il-bank tal-UE. Ferm qabel it-tliet snin skedati, il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) laħaq il-mira tiegħu ta' €315 biljun għal investiment li ġie xkattat. Għamel dan b'bilanċ reġjonali mal-UE kollha. L-akbar impatt dirett tiegħu huwa fil-pajjiżi li kienu l-aktar milquta mill-kriżi finanzjarja. Fir-reġjuni ta' koeżjoni, l-analiżi ekonomika tagħna turi li l-FEIS għandu impatt tremend fit-tul, fejn itejjeb il-kompetittività u jagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku futur.

L-FEIS neħħa r-riskju mill-investiment u aġixxa bħala katalizzatur għall-finanzjament privat: il-Kummissjoni Ewropea pprovdiet garanzija li ppermettiet lill-Grupp tal-BEI juża l-fondi tiegħu stess biex jagħti self għal proġetti aktar riskjużi milli jagħmel normalment u biex jinkludi investituri mis-settur privat. L-FEIS ffoka fuq setturi innovattivi u negozji żgħar, fejn il-ħtieġa kienet l-aktar akuta. (Ta' min wieħed jinnota li jien nirreferi għat-twettiq tal-Grupp tal-BEI fir-rigward tal-FEIS peress li l-Fond Ewropew tal-Investiment kien forza potenti fl-appoġġ għas-settur vitali tan-negozji ta' daqs żgħir u medju taħt il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa.) L-FEIS ser ikompli jaħdem fis-setturi u r-reġjuni fejn huwa meħtieġ l-aktar, hekk kif nersqu lejn il-mira li jmiss tagħna ta' €500 biljun ta' investiment xkattat sal-2020.

It-tieni pilastru tal-Pjan ta' Investiment, is-Servizzi ta' Konsulenza, għamel kontribut akbar u ferm aktar kruċjali għat-tkabbir u l-innovazzjoni futuri tal-Ewropea fl-2018. Is-Servizzi ta' Konsulenza ħadmu fuq 528 kompitu ġdid fl-2018, għal proġetti li ser jappoġġjaw investiment stmat ta' €45 biljun. L-element essenzjali għall-ħidma f'dan il-qasam tal-Bank, ovvjament, huwa l-fażi bikrija meta s-Servizzi ta' Konsulenza joffru kompetenza esperta, fejn jgħinu biex jitniedu proġetti innovattivi sabiex dawn isiru realtà.

Sabiex jitwettaq dan kollu, il-Grupp tal-BEI nbidel. Filwaqt li l-aktar ħaġa importanti hija l-impatt finali tal-FEIS fuq iċ-ċittadini tal-UE, jiena kburi li l-bankiera, l-avukati, l-ekonomisti, il-maniġers tar-riskju u l-inġiniera tagħna adattaw il-ħidma tagħhom stess b'tant suċċess għal din l-isfida l-ġdida. Il-Bank dawwar il-fokus tiegħu fuq kumpaniji innovattivi aktar żgħar u dawk fil-fażi tal-bidu li tassew jeħtieġu l-finanzjament. Dan



**"Il-Bank Ewropew tal-Investiment temm din is-sena aktar b'saħħtu minn qatt qabel, u qassam investimenti ġodda li ser ikunu sors ta' impjiegi u tkabbir sostenibbli għad-deċennji li ġejjin."**

is-settur jagħti tkabbir ta' impjiegi potenzjali kbir u huwa l-aktar utli biex il-kompetittività globali tal-Ewropa tiġi assigurata. Immirajna lejn l-addizzjonalità, aktar milli l-volum – huwa għalhekk li kull waħda mit-taqsimiet f'dan ir-rapport tiffoka fuq benefiċjarji speċifiċi tal-proġetti tagħna.

Ir-riżultat kien żieda fl-għadd ta'' klijenti ġodda u tnaqqis ta' 14% fid-daqs tas-selfa medja, u konsegwentement domandi ogħla fuq il-persunal tal-BEI fid-diliġenza dovuta, l-analiżi legali u r-rappurtar. Ser inkomplu nadattaw il-mudell tan-negozju tagħna biex nissodisfaw il-ħtiġijiet dejjem jevolvu tal-ekonomija tal-UE. Fl-2019, nistennew li nofs il-firem kollha jkunu ma' klijenti ġodda, b'madwar 80% fi prodotti u inizjattivi ġodda fis-segment ta' riskju ogħla.

Il-Grupp tal-BEI qiegħed il-ħin kollu jsaħħaħ il-proċessi tiegħu u l-forniment tiegħu biex jirreżisti għal xokkijiet ekonomiċi u politiċi. Il-Grupp jirrappreżenta kooperazzjoni multilaterali tassew effettiva fuq kwistjonijiet mill-bidla fil-klima għall-migrazzjoni. Is-60 anniversarju tal-Bank serva bħala tfakkira stmata tal-impatt li l-ħidma tagħna kellha fuq il-ħajjiet taċ-ċittadini tal-UE għal deċennji. Aħna nerġgħu naffermaw l-impenn tagħna li ninvestu fil-futur tal-Ewropa u t-twittija ta' mogħdija ta' tkabbir prosperu u sostenibbli għaċ-ċittadini tal-UE.

**Werner Hoyer**

# 2018 PUNTI EWLENIN[1]

## RIŻULTATI TAL-GRUPP TAL-BEI

| | |
|---|---|
| IL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT FINANZJAMENT (BEI) | €55.63 biljun iffirmati |
| FOND EWROPEW TAL-INVESTIMENT FINANZJAMENT (FEI) | €10.06 biljun iffirmati |
| FINANZJAMENT TAL-GRUPP TAL-BEI [2] | €64.19 biljun |
| NUMRU TA' OPERAZZJONIJIET IFFIRMATI | 854 |
| **INVESTIMENT TOTALI APPOĠĠJAT (INDIKATTIV)** | madwar €230 biljun |
| **TEĦID B'SELF TOTALI TAL-BEI** | €60 biljun |

## OQSMA TA' PRIJORITÀ

| | |
|---|---|
| SMES U KUMPANIJI B'KAPITALIZZAZZJONI MEDJA | €23.27 biljun |
| INNOVAZZJONI | €13.52 biljun |
| INFRASTRUTTURA | €12.25 biljun |
| AMBJENT | €15.15 biljun |
| *KLIMA (BEI)* | *>29% tal-finanzjament totali* |
| *KOEŻJONI U KONVERĠENZA EKONOMIĊI U SOĊJALI (BEI, L-EWROPA)* | *31.8% tal-finanzjament totali* |

## PJAN TA' INVESTIMENT GĦALL-EWROPA[3]

| | |
|---|---|
| FINANZJAMENT APPROVAT TAL-FEIS | €70.4 biljun |
| NUMRU TA' OPERAZZJONIJIET APPROVATI | 1031 |
| INVESTIMENT TOTALI RELATAT MAL-FEIS | €375.5 biljun |
| % TAL-MIRA TA' €500 BILJUN | 75% |
| INVESTIMENT TOTALI FFIRMAT TAL-FEIS (BEI) | €39.1 biljun |
| INVESTIMENT TOTALI FFIRMAT TAL-FEIS (FEI) | €14.6 biljun |
| **FINANZJAMENT TOTALI TAL-GRUPP TAL-BEI FFIRMAT TAĦT IL-FEIS** | €53.7 biljun |

1 Iċ-ċifri kollha mhumiex verifikati u huma proviżorji. Iċ-ċifri kollha huma għall-Grupp tal-BEI sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor.
2 Iċ-ċifra tal-finanzjament totali tal-Grupp tal-BEI teskludi koinċidenza żgħira minħabba impenji konġunti tal-BEI u l-FEI.
3 Iċ-ċifri huma mill-bidu tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa sa Diċembru 2018.

## IMPATT TAL-GRUPP TAL-BEI [4]

| | |
|---|---|
| INVESTIMENT TOTALI APPOĠĠJAT FL-2017 | €232 biljun |
| IMPJIEGI ĠODDA MAĦLUQA SAL-2021 | 1.2 miljun |
| IMPATT FUQ IL-PDG TAL-UE SAL-2021 | + 1.1 % |
| IMPJIEGI ĠODDA MAĦLUQA SAL-2036 | 650 000 |
| IMPATT FUQ IL-PDG TAL-UE SAL-2036 | + 0.7 % |

## AKTAR FIL-FOND [5]

| | |
|---|---|
| NUMRU TA' SMES/KUMPANIJI B'KAPITALIZZAZZJONI MEDJA APPOĠĠJATI | 374 000 |
| NUMRU TA' IMPJIEGI SOSTNUTI F'SMES/KUMPANIJI B'KAPITALIZZAZZJONI MEDJA[6] | 5 miljuni |
| KAPAĊITÀ TA' ĠENERAZZJONI TAL-ELETTRIKU | 15 228 MW, 86.1% minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli |
| LINJI TAL-ELETTRIKU MIBNIJA/AĠĠORNATI | 26 037 km |
| DJAR LI JISTGĦU JIĠU PPROVDUTI BL-ELETTRIKU | 34.3 miljuni |
| KONNESSJONIJIET DIĠITALI B'VELOĊITÀ GĦOLJA ĦAFNA, ĠODDA U AĠĠORNAMENTI | 29 miljun |
| POPOLAZZJONI B'ILMA TAJJEB GĦAX-XORB AKTAR SIKUR | 20 miljun |
| POPOLAZZJONI B'SANITÀ MTEJBA | 10 miljuni |
| POPOLAZZJONI LI QED TAFFAĊĊJA RISKJU TA' GĦARGĦAR IMNAQQAS | 1.7 miljuni |
| PASSIĠĠIERI ADDIZZJONALI FUQ TRASPORT IFFINANZJAT MILL-BEI | 290 miljun |
| POPOLAZZJONI B'SERVIZZI TAL-KURA TAS-SAĦĦA MTEJBA | 27.3 miljuni |
| KAPAĊITÀ TA' FAĊILITÀ TAL-ISKART ĠDIDA (TUNNELLATI/SENA) | 3.9 miljuni |
| ART AGRIKOLA JEW TAL-FORESTRIJA B'ĠESTJONI MTEJBA | 1.45 miljun ettaru |

4 Abbażi tal-mudell ekonomiku żviluppat b'mod konġunt mid-Dipartiment tal-Ekonomija tal-BEI u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea, dejta għall-operazzjonijiet tal-UE.
5 Iċ-ċifri huma l-eżiti mistennija ta' operazzjonijiet ġodda ffinanzjati ffirmati fl-2018 għall-ewwel darba abbażi tad-dejta disponibbli f'dan l-istadju, għall-BEI sakemm mhux speċifikat mod ieħor.
6 Numru ta' impjiegi sostnuti f'SMEs jirreferi għall-għadd ta' impjegati f'SMEs/kumpanija b'kapitalizzazzjoni medja li ġew allokati finanzjament tal-BEI fl-2018 u l-għadd ta' impjegati f'SMEs li ġew allokati finanzjament tal-FEI minn Ottubru 2017 sa Settembru 2018.

# IL-GRUPP TAL-BEI F'PAJJIŻEK




**UE BOSTA PAJJIŻI**

€0.73 biljun | 0.35% tal-PDG

| | |
|---|---|
| TKABBIR U L-EFTA | €1.9 biljuni |
| IL-ĠIRIEN TAL-LVANT | €0.6 biljun |
| IL-MEDITERRAN | €2.2 biljuni |
| AKP, PTEE U L-AFRIKA T'ISFEL | €1.7 biljuni |
| L-ASJA, L-ASJA ĊENTRALI U L-AMERIKA LATINA | €1.7 biljuni |

EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
AKP: L-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku.
PTEE: Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej

Kuluri aktar skuri jfissru investiment ogħla bħala persentaġġ tal-PDG.


IL-FINLANDJA
€1.93 biljuni 0.83% tal-PDG
L-IŻVEZJA
€1.59 biljuni 0.34% tal-PDG
L-ESTONJA
€0.07 biljun 0.30% tal-PDG
ID-DANIMARKA
€0.56 biljun 0.19% tal-PDG
IL-LATVJA
€0.02 biljun 0.06% tal-PDG
IL-LITWANJA
€0.37 biljun 0.83% tal-PDG
IL-POLONJA
€4.79 biljuni 0.97% tal-PDG
IL-ĠERMANJA
€5.63 biljuni 0.17% tal-PDG
IR-REPUBBLIKA ĊEKA
€0.71 biljun 0.34% tal-PDG
IL-LUSSEMBURGU
€0.09 biljun 0.15% tal-PDG
IS-SLOVAKKJA
€0.63 biljun 0.70% tal-PDG
L-AWSTRIJA
€1.25 biljuni 0.32% tal-PDG
L-UNGERIJA
€0.89 biljun 0.69% tal-PDG
IR-RUMANIJA
€1.31 biljuni 0.64% tal-PDG
IS-SLOVENJA
€0.06 biljun 0.14% tal-PDG
IL-KROAZJA
€0.51 biljun 0.98% tal-PDG
L-ITALJA
€8.46 biljuni 0.48% tal-PDG
IL-BULGARIJA
€0.22 biljun 0.40% tal-PDG
IL-GREĊJA
€1.87 biljuni 1.01% tal-PDG
€0.21 biljun 1.01% tal-PDG
ĊIPRU
MALTA
€0 biljuni 0% tal-PDG

IMPJIEGI U TKABBIR

# RABTIET LI JORBTUNA FLIMKIEN

X'inhi r-rabta bejn Harry, għalliem tal-iskola sekondarja f'Santa Monica, California, u Elizabeta, inġiniera subalterna tal-batteriji fil-Kroazja? It-tweġiba hija bond, pjuttost litteralment. Jiġifieri, strument finanzjarju ta' dħul fiss maħruġ mill-Bank Ewropew tal-Investiment. Ingħaqdu magħna fuq vjaġġ li jsegwu l-flus mill-Golden Coast lejn il-kosta tal-Adrijatiku, u lura (bl-imgħax).

1

**Harry Keiley huwa għalliem f'Santa Monica, California. Kull xahar, madwar 10% tas-salarju tiegħu jmorru fil-fond tal-pensjonijiet tiegħu.**

2

**Il-fond tal-pensjonijiet ta' Harry jixtri strumenti finanzjarji madwar id-dinja kollha. Fosthom: bonds maħruġa mill-BEI. Għaliex CalSTRS jinvesti f'dawn il-bonds, u b'mod aktar speċifiku għaliex il-fond jixtri wkoll bonds ekoloġiċi tal-BEI?**

3

**Apparti l-fondi tal-pensjonijiet bħal CalSTRS, min jixtri l-bonds tal-BEI u xi jmexxi dawn l-akkwisti?**

4

**Wieħed mill-istrumenti tal-BEI li sar aktar prominenti bil-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa huwa d-dejn ta' riskju, self li jikkondividi xi wħud mir-riskji li l-intraprendituri jiffaċċjaw waqt li jkunu qed jiżviluppaw in-negozju tagħhom. Għaliex jissejjaħ kważi-ekwità?**

5

Il-BEI jikkombina l-flus mill-ħruġ ta' bonds ma' strumenti oħra biex joħloq prodotti finanzjarji differenti. Strument minn dawn huwa l-garanzija mill-baġit tal-UE li jappoġġja l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi. Bħala parti mill-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, dan jippermetti lill-BEI biex jinvesti f'ditti iktar żgħar, b'aktar riskju u li jkunu fis-snin bikrija tagħhom. Kemm kien ta' suċċess?

6

Il-Bank jiffoka fuq erba' oqsma ewlenin ta' investiment. Wieħed minnhom huwa l-innovazzjoni. Meta ninvestu fl-innovazzjoni, x'niffinanzjaw eżattament?

7

L-innovazzjoni fis-settur tal-karozzi bħalissa ffoka fuq żewġ oqsma: l-elettrifikazzjoni u s-sewqan awtonomu. Il-karozzi elettriċi sportivi l-aktar veloċi fid-dinja, li jistgħu jilħqu 410 km/h, kif qed jgħinuna lkoll nużaw trasport li jirrispetta aktar l-ambjent?

8

Rimac, kumpanija Kroata li l-BEI ffinanzja fl-2018, tipproduċi l-karozzi elettriċi sportivi l-aktar veloċi fid-dinja – u avvanzi kbar fit-teknoloġija tal-batteriji.

9

Skopri kif Elizabeta Žalac, inġiniera subalterna tal-batteriji, kisbet impjieg ma' Rimac u qed tipprova tibdel id-dinja.

# 1 GĦALLIEM B'FIRXA GLOBALI

Meta Harry Keiley beda jgħallem, madwar 30 sena ilu, huwa kien jgħallem lil studenti tas-sekondarja lezzjonijiet dwar l-ekonomija u l-iggvernar. Iżda l-investiment, u kif timmaniġġja l-affarijiet finanzjarji tiegħek, ma kienx parti mill-kurrikulu. "Huwa ċertament xi ħaġa li naħsbu li hemm ħtieġa kbira għalih mal-Amerka kollha," huwa jgħid.

Harry huwa wieħed mill-eluf ta' edukaturi f'California li t-tfaddil tal-irtirar tiegħu qed jiġu mmaniġġjati mis-Sistema tal-Irtirar tal-Għalliema tal-Istat ta' California (California State Teachers' Retirement System (CalSTRS). Il-pjan tal-benefiċċji standard, li jiġu rreġistrati fih awtomatikament l-edukaturi ta' California kollha, jinvesti f'isem l-għalliema kollha kollettivament. Harry jabbona wkoll għal pjan supplimentari fakultattiv mal-fond.

**Meta fond tal-pensjonijiet tal-Istati Uniti jixtri bond tal-BEI, dan huwa strument finanzjarju sod – u investiment fl-Ewropa li inkella seta' ma eżistiex.**

"L-għalliema huma simili għall-biċċa l-kbira tal-Amerikani – persuni tal-klassi medja li jistinkaw. Iżda hemm xi karatteristiċi uniċi: kollha huma professjonisti, edukati f'kulleġġi, u l-biċċa l-kbira minnhom b'lawrji avvanzati," jgħid Keiley. "Iżda fir-rigward ta' kontijiet tal-irtirar supplimentari, tant hemm opzjonijiet u għażliet li qed jinbiegħu lill-għalliema, fejn l-allinjament bejn l-interessi tal-fond u l-interessi tal-għalliema huwa distakkat sew. L-għalliema kultant jispiċċaw jieħdu deċiżjonijiet li mhumiex neċessarjament fl-aħjar interessi tagħhom."

Dan huwa dak li Keiley jaħseb li jiddiferenzja CalSTRS mill-oħrajn: miżati baxxi ċċarġjati mill-pjan tal-pensjonijiet ifissru li l-għalliema jżommu aktar mill-qligħ mill-investimenti tagħhom. Barra dan, il-lista tal-opzjonijiet – pereżempju, jekk kontribuzzjonijiet supplimentari tal-pensjonijiet humiex investiti fil-biċċa l-kbira f'bonds jew f'investimenti tal-ekwità privati fi swieq emerġenti – mhijiex iżżejjed għall-għalliema li jista' ma jkollhomx esperjenza f'affarijiet finanzjarji. "Peress li nistenna li għad fadalli għadd ta' snin ta' xogħol u nittama li nibqa' f'saħħti u nkun nista' naħdem, bħalissa jien għażilt approċċ aktar aggressiv fil-pjan supplimentari tiegħi. Kieku kont ixjeħ, forsi kont insegwi strateġija ta' investiment aktar konservattiva. Iżda nagħmel dik l-għażla jiena stess."

Keiley jsegwi mil-qrib lill-atleti studenti fl-iskola sekondarja ta' Santa Monica. Dan ifisser li minflok jgħallem klassijiet regolari, huwa jaħdem fuq bażi individwali ma' studenti li huma involuti sew fil-futbol Amerikan, il-basketball, il-futbol Ewropew u l-baseball fl-iskola. "Ngħinhom joħolqu kaxxa tal-għodda li żżid il-probabbiltà tagħhom li jirnexxu fil-klassi, fil-qasam sportiv, u fil-ħajja inġenerali, wara dan," huwa jgħid. Ħila waħda f'dik il-kaxxa tal-għodda hija l-immaniġġjar tal-finanzi tagħhom – xi ħaġa li Keiley qed jikseb bosta esperjenza fiha permezz tal-involviment tiegħu f'CalSTRS.



**Harry Keiley**
**Għalliem, skola sekondarja ta' Santa Monica, California**

# 2 FONDI LI JAPPOĠĠJAW L-AMBJENT

Meta jiltaqa' l-Bord tal-Irtirar tal-Għalliema ta' California (California Teachers' Retirement Board), bejn wieħed u ieħor kull xahar, dan jistieden lill-għalliema biex jattendu jew isegwu l-laqgħa permezz tal-webcast tiegħu. Bosta għalliema jieħdu l-opportunità biex isemmgħu leħinhom. "Ħaġa waħda li nista' ngħid dwar l-għalliema hija li huma partijiet interessati mimlijin passjoni u impenjati ħafna," jgħid Michael Sicilia, strateġist tal-affarijiet pubbliċi għal CalSTRS, it-tieni l-akbar fond tal-pensjonijiet fl-Istati Uniti, li huwa rregolat mill-Bord tal-Irtirar tal-Għalliema ta' California.

CalSTRS, li kien qed tamministra $223.8 biljun fl-aħħar ta' Ġunju 2018, qeda aktar minn 910,000 edukatur, minn għalliema tal-kindergarten għal professuri tal-kulleġġi. L-għalliema kollha f'California jħallsu madwar 10% tad-dħul tagħhom fil-fond biex jassiguraw l-irtirar tagħhom, fejn l-impjegaturi jikkontribwixxu 18-19% oħra tal-ispiża tar-remunerazzjoni tagħhom, u l-istat jagħmel pagamenti wkoll.

Harry Keiley mhux biss huwa wieħed mill-edukaturi li t-tfaddil tal-irtirar tiegħu huwa investit f'CalSTRS. Huwa wkoll fuq il-Bord tal-Irtirar tal-Għalliema, li jissorvelja lil CalSTRS f'isem l-għalliema. "Ir-responsabbiltà tal-kumitat hija strateġija għall-allokazzjoni tal-assi li tgħinna niddeterminaw medda tal-persentaġġ tal-portafoll li għandu jiġi investit f'kull klassi ta' assi, sew jekk huma proprjetà immobbli jew bonds, ġewwa jew barra mill-Istati Uniti," huwa jgħid. "Iżda deċiżjonijiet ta' investiment speċifiċi jittieħdu mill-persunal ta' CalSTRS."

> **"Peress li nafu x'jagħmlu, billi huwa l-bank tal-Ewropa, investiment għas-sostenibbiltà, għall-impjiegi... dawn huma l-affarijiet li nistgħu nappoġġjaw"**

Cathy DiSalvo, maniġer assoċjat tal-portafoll ma' CalSTRS, tgħin fit-teħid ta' dawk id-deċiżjonijiet ta' investiment. Taħt il-gwida tagħha, CalSTRS investa fil-bonds tal-BEI. "Fir-rigward tal-BEI u impriżi sovranazzjonali oħrajn, ġeneralment aħna nikkunsidrawhom bħala holdings tajbin għar-riskju, bi klassifikazzjonijiet tajbin ħafna, għalhekk huwa investiment stabbli u sigur," hija tgħid. "B'mod partikolari mal-BEI, imur lil hinn minn dan, peress li nafu x'jagħmlu, bħala l-bank tal-Ewropa, li jinvesti għas-sostenibbiltà, għall-impjiegi – nifhmu sew dak li qed jagħmel il-BEI, u dawn huma l-affarijiet li nistgħu nappoġġjaw."

Il-karburanti fossili u l-ambjent huma temi serji għall-għalliema, skont DiSalvo. Huwa hawn li l-Bonds għal Kuxjenza Dwar il-Klima tal-BEI – fejn ir-rendiment ta' dawn il-bonds jintuża biss għall-azzjoni għall-klima – isiru utli. CalSTRS xtara xi wħud minn dawn il-bonds, magħrufa fis-suq bħala bonds ekoloġiċi, fl-2018. "Bil-bonds ekoloġiċi, huwa importanti għalina li niċċekkjaw il-proġetti fejn il-fondi jiġu allokati," tgħid Di Salvo. "U nirrapportaw l-emittenti differenti u x'inhuma dawk il-proġetti lill-bord tagħna."

Fuq il-bord, Keiley huwa konvint li CalSTRS huwa minn ta' quddiem fir-rigward tal-investiment ambjentali. "Mhux biss mill-aspett ta' fehim tar-riskju ambjentali tad-diversi investimenti, iżda wkoll li naraw l-opportunitajiet tal-investiment fl-ambjent," huwa jgħid.

Il-bonds ekoloġiċi tal-BEI qed jgħinu biex jagħtu prova li huma tajbin.



**Cathy DiSalvo**
**Maniġer assoċjat tal-portafoll ma' CalSTRS**

# 3 IL-FINANZJAMENT TAL-BANK TAL-UE

**Eila Kreivi, direttriċi tad-dipartiment tas-swieq kapitali fil-Bank Ewropew tal-Investiment, taf li l-aħjar żmien biex jinġabru l-flus fis-swieq huwa fil-bidu tas-sena, u mbagħad madwar Settembru jew Ottubru. “L-investituri jagħlqu l-kotba tagħhom fi tmiem is-sena, imbagħad ma jagħmlu xejn għall-aħħar erba’ sa sitt ġimgħat tas-sena waqt li l-flus jitkattru fil-kontijiet. Imbagħad, meta tibda s-sena l-ġdida, ikollhom ħafna disponibbli, u jkunu lesti biex jipproduċu r-riżultati li huma mistennija mingħandhom. Għalhekk joħorġu jixtru,” hija tgħid. “Il-flus jeħtieġ li jitħaddmu.”**

L-istess ħaġa tiġri f’nofs is-sena, meta l-investituri jagħlqu l-kontijiet tagħhom u jmorru fuq btala, waqt li jħallu l-flus jinġemgħu sakemm ma jirritornaw lura u jerġgħu jibdew jinvestu f’Settembru.

Il-Bank jikkonsulta mal-banek imsieħba tiegħu biex jippjana offerti ta’ bonds kbar, u joqgħod attent mill-qrib għal indikaturi tad-domanda tas-suq biex jiddeċiedi dwar il-maturità, il-munita u karatteristiċi oħrajn ta’ kull ħarġa. X’jinbiegħ l-aħjar? Bond ta’ għaxar snin f’dollari Amerikani, jew bond ta’ ħames snin f’euro? Il-programm ta’ finanzjament ġenerali tal-Bank, inkluż l-ammont massimu ta’ flus li għandhom jinġabru u l-prinċipji li jiggwidaw l-investimenti tiegħu, huma miftiehma mill-Bord tad-Diretturi qabel il-bidu ta’ kull sena.

> **“Il-flus jeħtieġ li jitħaddmu”**

Ix-xerrejja ewlenin tal-bonds tal-BEI huma t-teżori ta’ banek tas-settur privat, banek ċentrali mhux tal-UE, u fondi tal-investiment u tal-pensjonijiet bħal CalSTRS. “Id-domanda mill-banek ġejja minn rekwiżiti regolatorji biex jinżammu salvagwardji tal-likwidità f’karta likwida ta’ kwalità għolja, bħall-bonds tal-BEI,” tispjega Kreivi. “U l-karta tal-bilanċ ta’ bank se tiddetta l-ħtieġa tiegħu f’termini tal-munita tal-bond. Jekk il-karta tal-bilanċ hija fi krona Żvediża, ikunu jeħtieġu jixtru bonds fi krona Żvediża.”

Kreivi tgħid li fi ħdan l-Ewropa, kważi dawk kollha li jistgħu jixtru bonds tal-BEI qed jixtru bonds tal-BEI, ħlief fil-pajjiżi Mediterranji fejn ir-rendimenti ogħla mill-bonds tal-gvern jagħmluhom aktar kompetittivi. Jekk l-ekonomiji tal-Italja, il-Greċja, il-Portugall u Spanja jitjiebu biżżejjed biex ir-rendimenti tal-bonds tal-gvern jonqsu, id-domanda għall-bonds tal-BEI tista’ tiżdied hemm ukoll.

Bħalissa, il-BEI qiegħed ifittex dejjem aktar biex jattira flus minn barra l-Ewropa. Sors wieħed huwa



**Eila Kreivi**
Kap tal-BEI tas-swieq kapitali

r-riżervi tal-muniti ta’ banek ċentrali mhux Ewropej. Filwaqt li l-banek ċentrali tal-UE huwa ristretti milli jixtru bonds tal-BEI fuq is-suq primarju skont ir-regoli tat-Trattat ta’ Maastricht, banek ċentrali oħrajn jistgħu jixtruhom. F’dawk il-każijiet, id-dollaru Amerikan huwa l-munita l-aktar popolari, tgħid Kreivi.

Sors ieħor ta’ finanzjament ġdid huwa l-investituri tas-settur privat. “Irridu nimmassimizzaw l-għadd ta’ investituri. Ħadd minn dawk li jridu jissellfu ħafna ma jrid joqgħod fuq sieq waħda,” tgħid Kreivi. “Din hija r-raġuni għaliex neħtieġu wkoll nispjegaw ruħna aħjar lid-dinja. Għaliex ma rridux inġibu flus mhux tal-UE lejn l-Ewropa?

# Finanzjament globali 2018:

# €60bn




## MAQSUMIN SKONT IL-MUNITA

| EUR | USD | GBP | Oħrajn |
|---|---|---|---|
| 43% | 34% | 8% | 15% |

# 4 DAK GĦASFUR? DAK AJRUPLAN? DAK DEJN TA' RISKJU!

**Wara l-kriżi ekonomika Ewropea, intrapriżi innovattivi żgħar u medji ma setgħux isibu l-kapital meħtieġ biex jieħdu n-negozji tagħhom għal-livell li jmiss. Is-sitwazzjoni kienet terribbli mal-kontinent kollu u għalhekk il-BEI kellu jivvinta supereroj biex isalvah. Il-prodott finanzjarju awdaċi l-ġdid jintervjeni fejn strumenti oħra ma jlaħħqux, u salva intrapriżi innovattivi mal-Ewropa kollha minn nuqqas kbir ta' finanzjament. Id-dejn ta' riskju huwa prodott tal-BEI li jaqsam karatteristiċi kemm ta' self kif ukoll ta' investiment ta' ekwità. Il-karatteristika li tiddefinixxih: il-ħlas lura tal-investiment tal-BEI huwa allinjat mal-prestazzjoni tal-kumpanija, mingħajr ma jitħallat mas-sehem tas-sjieda tal-fundaturi.**

"Mil-lat ekonomiku, huwa bħall-ekwità," jgħid Hristo Stoykov, kap tat-taqsima tal-BEI tal-kapital għat-tkabbir u l-finanzjament tal-innovazzjoni. "Aħna nieħdu r-riskju li jieħdu s-sidien tal-ekwità."

Id-dejn ta' riskju huwa magħruf ukoll bħala kważi-ekwità. "Jekk il-kumpanija tfalli, aħna nitilfu l-flus kważi kważi bl-istess mod bħad-detenturi tal-ekwità. Jekk tirnexxi sew, aħna nieħdu sehem parzjalment minn dan is-suċċess," jgħid Stoykov.

> **"L-ebda żewġ ftehimiet mhuma l-istess. Huwa personalizzat għal kull ftehim"**

Il-prodott huwa essenzjalment self mogħti lil kumpanija fejn il-karta tal-bilanċ tagħha tista' turi li forsi ma tkunx tista' tiflaħ għal tali dejn fiż-żmien tal-applikazzjoni tagħha. Il-BEI seta' joħroġ l-istrument b'mod sħiħ taħt il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi sabiex jappoġġja kumpaniji innovattivi li qed jikbru malajr. "Kumpaniji li qed jikbru malajr huma tip ġdid ta' klijent għall-Bank, u kull ftehim li nagħmlu b'dan l-istrument huwa ma' klijent ġdid fjamant għall-Bank," jenfasizza Stoykov. Sabiex il-fondi jaslu aktar malajr għand il-kumpaniji, il-Bord tad-Diretturi tal-BEI awtorizza lill-Kumitat ta' Tmexxija biex jikkonkludi l-ftehimiet ta' riskju, sakemm dawn jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà għall-investiment fl-innovazzjoni.

"Kellna nkunu aktar aġli biex napprovaw dawn il-ftehimiet, kellna nsiru aktar flessibbli," jgħid Stoykov. "L-ebda żewġ ftehimiet mhuma l-istess. Huwa personalizzat għal kull ftehim."



**Hristo Stoykov**
**Kap tat-taqsima tal-BEI tal-kapital għat-tkabbir u l-finanzjament tal-innovazzjoni**

# 5 INTLAĦQET IL-MIRA

**L-affarijiet ġodda jistgħu jkunu riskjużi. Wara kollox, jekk ħadd qatt ma pprova xi ħaġa qabel, min jaf x'jista' jiġri? U hawnhekk jidħol il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi.**

Taħt il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, imsejjaħ il-Pjan Juncker, il-Grupp tal-BEI u l-Kummissjoni Ewropea flimkien warrbu €21 biljun għal programm ta' garanziji msejjaħ il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS). L-appoġġ tal-FEIS jippermetti lill-Bank biex jinvesti fi proġetti aktar riskjużi u aktar innovattivi – proġetti li kultant ikollhom assi intanġibbli u prestazzjoni fuq żmien qasir.

Fl-2018, il-Grupp tal-BEI laħaq l-ewwel għan ambizzjuż tiegħu taħt l-FEIS, billi qabeż il-mira inizjali tiegħu li jixkatta €315 biljun ta' investiment fuq tliet snin. Meta dik id-data ta' skadenza waslet f'Lulju, iċ-ċifra attwali kienet aktar minn €334 biljun. Dan huwa mistenni li jżid il-PDG tal-UE b'madwar 1.3% sal-2020 u li joħloq 1.4 miljun impjieg. Dawn l-investimenti ser ikollhom ukoll impatt strutturali dewwiemi fuq il-produttività u l-kompetittività. Sal-2036, dawn l-operazzjonijiet ser ikunu żiedu 0.9% addizzjonali mal-PDG tal-UE, b'madwar 800 000 impjieg maħluqa, skont l-analiżi tal-impatt makroekonomiku mill-ekonomisti tal-BEI li jaħdmu flimkien maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea.

Għaldaqstant m'għandux ikun ta' ebda sorpriża li l-leġiżlaturi Ewropej iddeċidew li jżidu l-garanzija u jestendu l-FEIS sal-2020, b'mira ġdida ta' €500 biljun.



## EFFETT KONSEGWENZJALI REALISTIKU

**Debora Revoltella**
**Direttriċi, dipartiment tal-ekonomija**

Iżda x'inhu l-impatt globali tal-Bank?

"Jekk tinstalla netwerk tal-broadband biex tipprovdi internet aktar veloċi, mhux biss tingaġġa n-nies biex iħaffru t-triq u jqiegħdu l-kejbil fl-art, iżda jkollok ukoll effett fuq l-ingaġġ tan-nies li jipproduċu l-kejbil fibrottiku, u l-oġġetti li fuqhom jintefaq id-dħul tagħhom," tispjega Debora Revoltella, il-kap ekonomista tal-BEI. "Fuq żmien fit-tul, mhux biss toħloq impjiegi għall-ħaddiema tal-kostruzzjoni u l-ħaddiema li jipproduċu l-inputs, iżda l-konnessjoni tal-internet aktar veloċi tippermetti wkoll li jinbtu servizzi ġodda u xi wħud eżistenti jistgħu jiġu sfrattati. Dan jikkontribwixxi għall-kompetittività u l-attività ekonomika globali."

Din l-attività ekonomika għandha impatt mifrux fit-tul li ma jiġix innutat jekk tħares biss lejn il-proġett innifsu, u dan jinbidel fi tkabbir ekonomiku u impjiegi. Biex ikejlu l-impatt, l-ekonomisti tal-BEI ssieħbu maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea biex jiżviluppaw mudell. Kull proġett tal-Grupp tal-BEI fl-UE jiddaħħal fil-mudell b'informazzjoni dettaljata dwar il-proġett bħall-ammont ta' investiment, it-tul ta' żmien tal-proġett u s-self, u l-karatteristiċi tas-settur li fih jinsab l-investiment. L-aħħar ċifri għall-investimenti ffirmati fl-2017 juru li dawn il-proġetti huma mistennija li ser ikunu żiedu 650 000 impjieg u li se jżidu l-PDG tal-UE b'0.7% sal-2035 – impatt dewwiemi fuq l-ekonomija tal-Ewropa. Fuq żmien qasir, l-effett konsegwenzjali huwa ferm akbar. Sal-2021, l-investimenti appoġġjati mill-Grupp tal-BEI fl-2017 huma mistennija li ser ikunu għollew il-PDG tal-UE b'1.1% u li ser ikunu ħalqu 1.2 miljun impjieg.

# 6 MINN FEJN TIXTRI L-INNOVAZZJONI?

**Il-BEI jinvesti l-flus li jiġbor mis-swieq finanzjarji f'erba' oqsma ewlenin: l-infra-struttura, l-ambjent, l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju u l-innovazzjoni. Iżda x'inhi eżattament l-innovazzjoni, u din kif isseħħ permezz tal-finanzjament?**

"Meta tieħu pass lura, l-innovazzjoni fil-fatt tirrigwarda t-trasformazzjoni ta' ideat tar-riċerka f'teknoloġija, prodott jew proċess, xi ħaġa li tista' tipproteġi, pereżempju billi tapplika għal privattiva," tgħid Felicitas Riedl, kap tat-taqsima tal-BEI tax-xjenzi tal-ħajja. "Dak li huwa importanti wara dan huwa li tiġi sfruttata l-proprjetà intellettwali miksuba. Mhux biżżejjed li turi xi ħaġa ġdida, din għandha taqdi skop ukoll."

Dan l-iskop jieħu forom differenti. Jista' jkun li t-trabi li qed jikbru billi jixorbu ħalib tat-trab għat-trabi jik-sbu l-benefiċċji tas-saħħa tal-addittivi naturali prodotti minn Jennewein, kumpanija ffinanzjata mill-BEI s-sena li għaddiet. Jew li l-vetturi elettriċi jibqgħu ċċarġjati għal aktar ħin minħabba l-pakkett ta' batteriji

## ĦIDMA GĦALL-KLIMA U L-KOEŻJONI

Lil hinn mill-fokus tiegħu fuq l-erba' "oqsma ta' politika" tal-infrastruttura, l-ambjent, l-SMEs u l-innovazzjoni, il-BEI għandu wkoll żewġ prijoritajiet li jidħlu fl-oqsma kollha ta' politika: l-azzjoni għall-klima u l-koeżjoni. L-**azzjoni għall-klima** tirreferi għall-isforzi biex jiġu limitati l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju u biex jgħin lis-soċjetajiet u l-ekosistemi jadattaw għall-bidla fil-klima. Il-koeżjoni tirreferi għall-viżjoni oriġinali tal-UE li tgħin lir-reġjuni inqas għonja tal-Ewropa biex ilaħħqu mal-oħrajn f'termini ta' standards tal-għajxien. Xi proġetti jiġbru flimkien bosta għanijiet f'daqqa. Pereżempju, il-BEI ffinanzja l-kumpanija Kroata Rimac permezz ta' self intermedjat lil HBOR, il-bank nazzjonali Kroat tal-iżvilupp, biex jappoġġja intrapriżi ta' daqs żgħir u medju u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja fl-2012. Imbagħad, fl-2018, il-BEI ta self dirett lil Rimac biex tespandi r-riċerka u l-iżvilupp tagħha, u għaldaqstant jappoġġja l-innovazzjoni. Peress li l-attivitajiet tal-kumpanija jippromwovu l-użu ta' vetturi elettriċi, it-tislif jaqa' taħt l-azzjoni għall-klima. Rimac tikkontribwixxi wkoll għall-koeżjoni billi toħloq impjiegi fil-Kroazja..

żviluppat minn Rimac, benefiċjarja oħra tat-tislif tagħna. B'mod aktar ġenerali, l-iskop huwa li l-ekonomija tikber b'mod sostenibbli, tikkontribwixxi għall-benesseri tan-nies, u biex jinħolqu l-impjiegi. U l-innovazzjoni hija tajba kemm biex jinħolqu l-impjiegi direttament għal nies b'ħiliet għolja u kemm biex jiżdiedu l-impjiegi indirettament permezz ta' effetti sekondarji. "Neħtieġu li nevitaw l-eżodu ta' mħuħ mill-Ewropa," tgħid Riedl.

**"Irridu li l-UE tkun l-oriġinatur u l-eżekutur tal-ideat"**

Huwa għalhekk li l-finanzjament tal-innovazzjoni, ta' sikwit, jirrigwarda l-finanzjament ta' nies li qed ifasslu ideat u soluzzjonijiet ġodda. "Aħna niffinanzjaw fil-fatt l-infiq kapitali, bħal tagħmir tal-laboratorji, jew investimenti biex inwaqqfu faċilitajiet għal produzzjoni pilota pereżempju," tispjega Riedl. "Iżda normalment il-parti ewlenija tal-ispiża tal-innovazzjoni, ta' proġett tar-riċerka u l-iżvilupp, hija t-trawwim tal-ideat f'imħuħ in-nies – spejjeż tar-remunerazzjoni."

F'termini ta' kontabilità, l-imħuħ u l-proprjetà intellettwali jaqgħu taħt "assi intanġibbli" li l-valur tagħhom huwa diffiċli li jiġi determinat u protett. Għal dik ir-raġuni, il-banek huma inqas ħerqana li jużaw dawk l-assi intanġibbli bħala kollaterali għal self, u għalhekk ikun diffiċli għall-kumpaniji innovattivi biex jiksbu finanzjament. Il-BEI jimla dan id-distakk fl-Ewropa. Il-bank tal-UE għandu portafoll wiesa' ta' prodotti finanzjarji biex jindirizza l-istadji differenti tal-innovazzjoni, minn self biex jgħin lill-universitajiet jibnu infrastruttura tar-riċerka, biex jiffinanzja kumpaniji fil-fażi tal-bidu, għal finanzi biex jgħinu lil kumpaniji kbar jgħollu l-livell tal-innovazzjoni.

"Il-gvernijiet fl-Ewropa ta' sikwit jużaw flejjes pubbliċi biex iħallsu għall-ewwel stadji tar-riċerka, iżda mbagħad bosta ideat tajbin jiġu ttrasferiti xi mkien ieħor peress illi l-ekosistema ma tappoġġjax li din ir-riċerka eċċellenti tinbidel f'applikazzjonijiet hekk kif jiżdiedu l-ħtiġijiet ta' finanzjament," tgħid Riedl. "Il-benefiċċji jitilqu minn xtutna fejn jistgħu jinstabu aktar flus."

"Irridu li l-UE tkun l-oriġinatur u l-eżekutur tal-ideat," hija tgħid. "Sabiex iħallsu lura lis-soċjetà hawnhekk."



**Felicitas Riedl**
**Kap tat-taqsima tal-BEI tax-xjenzi tal-ħajja**

# 7 X'JIĠI L-EWWEL, IT-TIĠIEĠA JEW IL-BATTERIJA?

**Żewġ xejriet ewlenin bħalissa qed isawru l-industrija tal-karozzi, skont Aris Pofantis, il-kap inġinier tal-BEI fit-taqsima tad-diġitalizzazzjoni u n-negozji ż-żgħar. Dawn huma l-elettrifikazzjoni u s-sewqan awtonomu.**

Bl-elettrifikazzjoni, il-karozzi qed isiru aktar sempliċi. Il-karozzi elettriċi għandhom inqas komponenti mill-magni b'kombustjoni interna u t-teknoloġija għal kważi dawn il-komponenti kollha mmaturat. Ħlief għal wieħed: il-batterija.

"Il-batterija llum hija l-fattur prinċipali li jillimita l-vetturi elettriċi milli jiksbu skala tal-massa. Il-batterija qatt ma ġiet żviluppata għal applikazzjonijiet serjali fuq skala kummerċjali għall-karozzi, u l-ispiża tagħha għadha għolja ħafna," jispjega Pofantis. Barra dan, il-kapaċità tal-enerġija tal-batteriji tal-karozzi (u għaldaqstant il-medda tal-karozza) għadha limitata, u minħabba dan tikkawża dik li tissejjaħ "ansjetà tal-medda" fost il-konsumaturi li jinkwetaw li se jeħlu f'xi ġenb it-triq mingħajr ma jkollhom post fil-qrib fejn jistgħu jiċċarġaw il-karozza.

Pofantis jgħid li din toħloq is-sitwazzjoni klassika tat-"tiġieġa u l-bajda": mingħajr biżżejjed karozzi elettriċi fit-toroq, hemm motivazzjoni ekonomika limitata biex jitwaqqfu netwerks ta' punti fejn jiġu ċċarġjati l-karozzi. Iżda jekk ikun hemm ftit wisq punti fejn jiġu ċċarġjati l-karozzi, in-nies se joqogħdu lura milli jixtru karozzi elettriċi. Iżda, l-affarijiet qed jiċċaqalqu. Fl-2018, il-BEI ffirma l-ewwel parti ta' self ta' €115-il miljun lil Enel X, kumpanija Taljana li ilha tinstalla faċilitajiet għall-iċċarġjar ta' karozzi elettriċi mal-pajjiż kollu.

"Waqqafna l-infrastruttura meħtieġa peress li ħsibna li ladarba nagħmlu dan, is-suq jinfetaħ. U dan hu eżattament dak li ġara," jgħid Alberto Piglia, kap tal-mobilità tal-vetturi elettroniċi ma' Enel X. "Il-bejgħ tal-vetturi elettriċi rdoppja fi ftit xhur biss."

> "Nixtieq nispira l-bidla u nixgħel swiċċ għall-Ewropa."

Il-batteriji tal-karozzi elettriċi huma mmanifatturati kważi b'mod esklussiv barra mill-UE, fejn l-Ewropa hija dipendenti fuq il-Ġappun, iċ-Ċina u l-Korea. Fl-Iżvezja, Northvolt għandha l-mira li tibdel dan. Fl-2018, il-BEI ffirma self ta' €52.5 miljun lil Northvolt għal impjant ta' dimostrazzjoni li se jippermetti lill-imsieħba industrijali tal-kumpanija jittestjaw il-batteriji lithium-ion tagħha. Gigafactory se timpjega sa 2 500 persuna.

Peter Carlsson, il-fundatur ta' Northvolt, mar lura l-Iżvezja fl-2017 wara li għex għal aktar minn nofs deċennju f'Palo Alto, California, fejn kien il-kap globali tal-katina tal-provvisti ta' Tesla. "Nixtieq nispira l-bidla u nixgħel swiċċ għall-Ewropa," jgħid Carlsson.

L-Iżvezja hija lokalità tajba għal Northvolt billi għandha l-materji primi essenzjali għall-produzzjoni tal-batteriji, bħall-grafit u n-nikil. Għandha wkoll ħafna enerġija idroelettrika rħisa, u hemm bosta portijiet li jesportaw batteriji lejn l-Ewropa kollha u lil hinn minnha. Il-kumpanija tittama wkoll li tirriċikla l-batteriji l-qodma, biex taqta' l-bżonn għal minerali oħra, bħall-kobalt.

# 8 IL-KAROZZA ELETTRIKA – U S-SIĠĠU TAR-ROTI – L-AKTAR VELOĊI FID-DINJA?

**"Meta bdejt nagħmel dan, il-karozzi elettriċi kienu meqjusa koroh u jimxu bil-mod," jgħid Mate Rimac. "Għalhekk ridt nagħti prova li jistgħu jkunu gost, eċċitanti, u veloċi – saħansitra aktar veloċi minn karozzi b'magna kombustibbli – u ħsibt: Irrid nibni l-karozza tiegħi stess."**

Rimac fil-fatt bena l-karozza tiegħu stess, u l-kumpanija tal-karozzi tiegħu stess. Rimac hija l-unika manifattur tal-karozzi tal-Kroazja, li timmanifattura teknoloġija tal-batteriji mill-aktar avvanzata. Imnedija fl-2011, il-karozza ta' Rimac, Concept One, dak iż-żmien kienet il-vettura elettrika l-aktar potenti u tajba għat-triq fid-dinja kollha, li kienet ittella' minn 0 sa 60 mil fis-siegħa f'2.5 sekondi.

Minn età bikrija, Rimac kien affaxxinat mill-elettronika u l-karozzi, u l-kumpanija tiegħu żviluppat minn waħda li bdiet f'garaxx għal waħda ewlenija magħrufa għall-iżviluppi fil-kummerċ elettroniku u t-teknoloġija tal-batteriji. Oriġinarjament kellha tim ta' sitt persuni; issa Rimac, li hija bbażata f'belt żgħira qrib Zagreb, għandha aktar minn 400 impjegat minn 26 pajjiż u qed tikber b'mod veloċi.

> **"L-istess teknoloġija tista' tintuża mhux biss fil-karozzi sportivi, iżda wkoll f'ferroviji, karozzi tal-linja, jew anke siġġijiet tar-roti."**

Espansjoni tant rapida ħtieġet investiment sinifikanti. Il-BEI l-ewwel appoġġja lil Rimac b'self lil HBOR, il-bank nazzjonali Kroat tal-iżvilupp, li jislef fondi tal-BEI lil kumpaniji ta' daqs żgħir u medju. Imbagħad, f'Diċembru 2018, il-BEI ffirma self ta' kważi-ekwità ta' €30 miljun lil Rimac biex jiffinanzja r-riċerka u l-iżvilupp tad-ditta. Filwaqt li l-BEI ma jiffinanzjax l-iżvilupp ta' mudelli tal-karozzi speċifiċi, dan jiffinanzja teknoloġija bi skop ġenerali għal trasport nadif.

Rimac qed tagħmel kontribut aktar wiesa' għall-industrija Ewropea tal-karozzi elettriċi milli karozzi sportivi selettivi biss. "Il-karozza Concept One hija sors ta' dħul għall-kumpanija, u turi t-teknoloġija b'mod prominenti," jgħid Aris Pofantis. "Jekk ikollok karozza elettrika bi prestazzjoni għolja bħal Concept One, in-nies se jibdew iħarsu lejn il-karozzi elettriċi b'mod differenti."

It-teknoloġija ta' Rimac għandha applikazzjonijiet ferm usa', skont l-uffiċjal tal-investiment tal-BEI, Aleksander Mihajlovic: "L-istess teknoloġija tista' tintuża mhux biss fil-karozzi sportivi, iżda wkoll f'ferroviji, karozzi tal-linja, jew anke siġġijiet tar-roti."

# 9 IT-TINDIF TAL-ADRIJATIKU U L-INDUSTRIJA TAL-KAROZZI

**Meta Elizabeta Žalac twieldet f'Đurđevac, belt ta' 6 000 persuna fit-Tramuntana tal-Kroazja, il-ġenituri tagħha kienu għadhom qed isuqu Lada mibnija fl-Unjoni Sovjetika. Issa hija taħdem fuq waħda mill-karozzi l-aktar veloċi fid-dinja.**

Elizabeta studjat id-disinn ta' apparat mediku fl-Università ta' Zagreb, u kienet qed taħdem f'dak il-qasam, iżda rat li kellha ftit opportunità li tavvanza fil-karriera tagħha f'pajjiżha. "Fil-bidu, kont naħseb li ma mhux se nkun nista' nsib impjieg fil-Kroazja, speċjalment peress li ma tantx kien hemm impjiegi fil-qasam li jien speċjalizzata fih," hija qalet. "Għalhekk kont qed naħseb biex nitlaq mill-pajjiż, iżda tassew xtaqt nibqa' fil-Kroazja, qrib il-familja u l-ħbieb tiegħi."

> "Dak li kien tassew importanti għalija kien l-aspett ekoloġiku tal-kumpanija."

Rat reklam għal impjieg bħala inġinier fid-dokumentazzjoni tas-sistemi tal-batteriji ma' Rimac. Għalkemm ftit li xejn kellha għarfien dwar karozzi, iktar u iktar karozzi elettriċi, hija applikat. "Dak li kien tassew importanti għalija kien l-aspett ekoloġiku tal-kumpanija," tgħid Elizabeta.

L-ambjent huwa importanti għal Elizabeta. Wara kollox, bħala membru tal-klabb tal-għadis, hija tagħmel parti minn kampanja għat-tindif tal-kosta tal-Adrijatiku u l-lagi Kroati.

Ir-reklutaturi ta' Rimac raw kemm kienet impenjata, u impjegawha. Kien hemm biss mara waħda oħra taħdem fid-dipartiment tagħha. L-ewwel impjieg tagħha: batteriji għal karozza tat-tlielaq elettrika għall-kumpanija SEAT ta' Spanja. Kellha dubji dwar xogħol f'industrija ddominata mill-irġiel, iżda l-kollegi tagħha tawha appoġġ kbir. "Staqsejt mistoqsijiet, studjajt wara li kont nasal id-dar mix-xogħol, u malajr bdejt nifhem, bl-għajnuna tal-kollegi," hija tgħid.

Illum, wara li diġà ġiet promossa għal inġiniera subalterna tal-batteriji, qiegħda taħdem fuq il-karozza sportiva semiawtonoma ta' Rimac Concept 2, li tilħaq veloċità ta' 412 km/h. "Jiena tassew kburija li qed naħdem f'kumpanija li hija parti minn bidla globali, kumpanija li attwalment għandha impatt pożittiv fuq id-dinja u l-ambjent," hija tgħid, " u li dan kollu qed jiġri f'belt żgħira, f'pajjiż żgħir bħall-Kroazja."



**Elizabeta Žalac**
**Inġiniera subalterna tal-batteriji ma' Rimac**



## SOSTENIBBILTÀ

# TRIQ TWILA U URĠENTI

**Minn gżira żgħira Żvediża għal raħal fis-Senegal, il-BEI jagħmel parti mill-ġlieda għall-azzjoni għall-klima u l-iżvilupp inklużiv – se jkun parti minnha għal kemm ikun meħtieġ biex jassigura futur sostenibbli.**

**1** **Is-snin formattivi ta' Helena Mueller fuq gżira żgħira fit-Tramuntana tal-Ewropa wassluha għal karriera tul ħajjitha kollha fl-ambjent u l-finanzjament għall-klima.**

**2** **Alecta, waħda mill-ikbar xerrejja ta' bonds ta' sostenibbiltà ġodda tal-BEI, ma tersaqx lejn investiment li jista' jagħmel ħsara b'mod sinifikanti lill-ambjent.**

**3** **Il-Bonds ġodda tal-BEI għal Kuxjenza dwar is-Sostenibbiltà jappoġġjaw proġetti kbar li jtejbu l-ħajjiet għal miljuni ta' persuni.**

**4** **Fi bliet żgħar fit-Tramuntana tal-Eġittu, is-sanità ħażina tmarrad it-tfal u t-tniġġis jinżel fil-passaġġi tal-ilma u l-baħar.**

5 **Id-dinja trid tagħmel aktar biex toħloq futur sostenibbli. Għal dan ir-rwol tiegħu, il-BEI jinvesti bil-kbir fl-azzjoni għall-klima.**

7 **Grameen Crédit Agricole Foundation tuża selfiet żgħar fl-Afrika rurali fil-ġlieda kontra l-faqar u biex tgħin lin-nisa.**

6 **Ta' età żgħira, Soukeyna Bâ mxiet bosta kilometri kuljum ma' nannitha biex tgħin lill-persuni fil-bżonn. Issa qed tiġġieled għad-drittijiet u s-setgħa ekonomika tan-nisa fis-Senegal u lil hinn minnu.**

1

# TROBBIJA F'POST SPEĊJALI

**Meta kienet qed tikber fil-gżira żgħira Żvediża ta' Öland, Helena Mueller tiftakar lill-għalliema jwissuha li l-Baħar Baltiku fil-qrib kien qed jitniġġes middrenaġġ, l-ilma li jiskula mill-industriji u sustanzi kimiċi. "Meta titrabba f'post speċjali bħall-Gżira Öland, ikollok il-baħar u s-sema u n-natura kollha madwarek, għalhekk huwa normali li l-ambjent ikun importanti ħafna għalik," tgħid Mueller, li tagħti l-mertu lill-għalliema tal-iskola tagħha u l-ħajja fuq il-gżira li wassluha għal karriera fil-finanzjament ambjentali u s-sostenibbiltà.**

Mueller, li tgħix qrib Stokkolma, dan l-aħħar telqet minn impjieg ta' konsulenza dwar is-sostenibbiltà madditta tal-kontabilità KPMG biex tgħin lil kumpaniji ġodda jużaw teknoloġija diġitali u joperaw b'mod sostenibbli. Din is-sena, għenet biex tistabbilixxi kumpanija ġdida tat-teknoloġija bl-isem ta' Doconomy. Il-kumpanija Żvediża qed tiżviluppa servizz bankarju mobbli li jħalli lin-nies isegwu l-impatt klimatiku tagħhom u jikkumpensaw għalih billi jinvestu fi proġetti ambjentali jew billi jqiegħdu t-tfaddil tagħhom f'fondi sostenibbli.

"Meta niddiskutu l-kriżi klimatika, naħseb li huwa tassew importanti li nibdew nenfasizzaw kif it-tisħin globali u t-tibdil fil-klima attwalment qed iħallu impatt fuq in-nies madwar id-dinja," hija tgħid. "Mhux biss qed nagħmlu ħsara lin-natura, iżda wkoll lil nies oħra. Kull bniedem għandu d-dritt għal ħajja diċenti."

Mueller kienet kuntenta ssir taf li l-fond tal-pensjoni tagħha, li huwa mmaniġġjat mill-kumpanija Żvediża tal-amministrazzjoni tal-fondi Alecta, jinvesti fil-bonds ambjentali tal-BEI. Alecta hija waħda mill-ikbar xerrejja ta' Bonds għal Kuxjenza dwar is-Sostenibbiltà ġodda tal-bank tal-UE, introdotti fl-2018. "Naħseb li hija ħaġa ferm tajba li l-pensjoni tiegħi tiġi mmaniġġjata hekk," hija tgħid. "Waħda mid-deċiżjonijiet l-aktar importanti li tista' tieħu biex tnaqqas l-impatt negattiv tiegħek fuq il-pjaneta hija li tinvesti b'mod sostenibbli – tista' tagħmel impatt kbir."

"Huwa diffiċli li ma tgħożżx in-natura meta tkun imdawra biha."

L-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom iqattgħu aktar ħin jedukaw lill-pubbliku dwar investimenti responabbli, tgħid Mueller, u għandhom jippruvaw jirrakkontaw l-istejjer wara d-dejta.

Il-BEI jistinka biex jagħti prova li l-bonds ambjentali tiegħu jindirizzaw it-tibdil fil-klima u li l-Bonds għal Kuxjenza dwar is-Sostenibbiltà tiegħu jipprovdu l-impatt it-tajjeb. Il-Bank kien l-ewwel emittent li ħoloq regoli dettaljati għar-rappurtar tal-impatt ta' proġetti li jirċievu flus minn bonds ekoloġiċi, u wasslu għall-iżvilupp ta' qafas armonizzat għar-rappurtar ta' impatti għall-emittenti kollha ta' bonds ekoloġiċi.

"Il-banek huma tant iffokati fuq il-flus u l-aspett finanzjarju tal-affarijiet, u l-investiment talflus," hija tgħid. "Mhux dejjem jaħsbu dwar l-impenn komunitarju, fejn juru lin-nies dak li jiġri, jippersonalizzaw il-kwistjonijiet u jwasslu l-istejjer."



**Helena Mueller**
**Intraprenditriċi Ambjentali**

# 2 DOVER LI NIPPROTEĠU L-FUTUR

**Il-kumpanija Żvediża tal-amministrazzjoni tal-pensjonijiet Alecta ilha kkonċernata dwar l-investiment responsabbli għal deċennji, iżda tliet snin ilu, qiegħdet persuna waħda responsabbli mill-kwistjoni. Peter Lööw kien il-maniġer tal-proġetti u l-analista tar-riskji għal Alecta għal 15-il sena qabel ma ħa r-rwol il-ġdid. Lööw jiżgura li Alecta b'mod kostanti twieżen il-fatturi ambjentali u soċjali, kif ukoll is-sostenibbiltà, meta tikkunsidra l-investimenti. Dan hija ħidma kbira. Alecta hija l-akbar amministratur ta' fondi ta' pensjonijiet tal-impjegati fl-Iżvezja, li tirrappreżenta kumpaniji ta' profil għoli bħal Volvo, ABB u Ericsson.**

Li tiġġenera l-flus għall-klijenti filwaqt li tħares l-ambjent mhumiex ideat opposti, jgħid Lööw. "Ikollna diskussjonijiet dwar din il-kwistjoni l-ħin kollu. Dawn iż-żewġ għanijiet mhumiex kontradittorji. Jekk int investitur fit-tul fil-veru sens tal-kelma, għandek tqis aktar mid-dejta finanzjarja biss, u dan jinkludi s-soċjetà, il-klima, l-ambjent, peress li dawk kollha se jaffettwaw l-investimenti tiegħek."

**"Ninsabu kuntenti li għandna assi ekoloġiċi u sostenibbli fil-portafoll tagħna."**

Alecta ma tersaqx lejn investiment jekk ma jkunx sostenibbli jew jekk jonqos milli jaderixxi mal-mudell ta' investiment responsabbli tal-fond.

"M'aħniex organizzazzjoni filantropika, iżda ninsabu kuntenti li għandna assi ekoloġiċi u sostenibbli fil-portafoll tagħna." Il-klijenti tagħna jippretendu dan u aħna nixtiequ nagħmlu dan," jgħid Lööw.

Alecta timmaniġġja €85 biljun fi flus tal-pensjonijiet għal 2.4 miljun klijent privat u 34 000 korporazzjoni. Għandha €3 biljuni f'bonds ekoloġiċi u €450 miljun f'investimenti sostenibbli oħrajn. Id-ditta kienet waħda mill-ikbar xerrejja tal-Bonds għal Kuxjenza dwar is-Sostenibbiltà ġodda tal-BEI meta l-ewwel ħarġa ta' €500 miljun tnediet f'Settembru. Alecta kienet investitur fundamentali, billi xtrat €50 miljun ta' bonds ġodda.

"Napprezzaw it-trasparenza li naraw mill-BEI," jgħid Lööw.



**Peter Lööw**
Kap tal-investiment responsabbli ma' Alecta

# 3 BONDS ĠODDA GĦAL FUTUR SOSTENIBBLI

## Il-finanzjament ta' ilma nadif tajjeb għax-xorb għal miljuni ta' persuni

L-ilma huwa riżorsa prezzjuża, iżda hija wkoll waħda għalja biex tiġi ffinanzjata, minħabba l-infrastruttura maġġuri involuta biex jitnaddaf u jiġi ppumpjat fid-djar u n-negozji. Wieħed mill-prodotti l-aktar ġodda tal-BEI, il-Bonds għal Kuxjenza dwar is-Sostenibbiltà, se jiffinanzja proġetti tal-ilma fl-Ewropa, iżda wkoll f'postijiet bħall-Afrika tal-Lvant jew it-Tramuntana tal-Eġittu, fejn l-ilma frisk u s-sanità huma neqsin f'żoni rurali u f'xi bliet. Il-bonds għas-sostenibbiltà jibnu fuq is-suċċess tal-bonds ekoloġiċi tal-Bank u se jikkontribwixxu għal għadd ta' Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.

Il-BEI ħareġ l-ewwel Bond għal Kuxjenza dwar is-Sostenibbiltà f'Settembru, u ġabar €500 miljun biex jiffinanzja proġetti li jindirizzaw kwistjonijiet soċjali u ekoloġiċi lil hinn mit-tibdil fil-klima. It-terminu "kuxjenza" tirrifletti l-Bonds għal Kuxjenza Dwar il-Klima, li kienu tnedew fl-2007 bħala l-ewwel bonds ekoloġiċi fid-dinja.

Il-BEI jittama li l-bonds għas-sostenibbiltà jkunu ta' suċċess bħall-bonds ekoloġiċi, li ġabru aktar minn €23 biljun fuq 11-il sena u għenu biex jinbena suq globali ta' bonds ekoloġiċi li jiswa aktar minn €400 biljun.

Il-bonds għas-sostenibbiltà tal-BEI se jipprovdu rappurtar dettaljat, bħan-numru ta' nies li ngħataw aċċess għal ilma ġieri minħabba l-investiment. "F'Malawi, jista' jkun hemm 10 000 persuna jgħixu fi kwartieri fqar u li jiddependu fuq l-ilma minn bir," jgħid Thomas van Gilst, kap tal-ġestjoni tal-ilma mal-BEI. "Fl-aħħar nistgħu nikkollegawlhom pajpijiet tal-ilma mis-sistema ċentrali, u l-ispejjeż kollha involuti biex issir il-konnessjoni tista' tkun eliġibbli għal finanzjament minn bonds għas-sostenibbiltà."

> **"Il-bonds m'għandhomx impatt dirett fuq ħajjet in-nies. Iżda l-proġetti għandhom."**

Wieħed mill-ewwel proġett tal-BEI ffinanzjat mill-bonds għas-sostenibbiltà se jibni u jġedded impjanti għat-trattament tal-ilma mormi fiż-żona ta' Kafr El Sheikh fit-Tramuntana tal-Eġittu, fejn ħafna nies mhumiex konnessi man-netwerk pubbliku tad-drenaġġ. Il-proġett se jtejjeb il-kwalità tal-ħajja u l-ambjent għal popolazzjoni rurali ta' madwar 470 000 persuna. "Dan il-proġett fl-Eġittu se jibdel il-ħajjiet ta' kuljum ta' għadd kbir ta' nies," tgħid Patricia Castellarnau, ekonomista tal-ilma mal-BEI.

Fil-ġejjieni, il-bonds se jespandu potenzjalment lil hinn mill-ilma għal aktar setturi soċjali wkoll, bħall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, jew il-bini ta' bliet sostenibbli.



**Patricia Castellarnau**
Ekonomista tal-ilma mal-BEI

# FL-2018, IL-BONDS EKOLOĠIĊI TAL-BEI APPOĠĠJAW

**44** proġett

**16-il** pajjiż

**€1.7bn** f'investimenti

### TQASSIM TAL-AKKWISTI TA' BONDS GĦAL KUXJENZA DWAR IS-SOSTENIBBILTÀ SKONT IL-PAJJIŻ




### L-OBJETTIVI TAL-BEI GĦAL PROĠETTI TAL-ILMA FFINANZJATI MILL-BONDS GĦAL KUXJENZA DWAR IS-SOSTENIBBILTÀ

- Aċċess għal **ilma** u **sanità**
- **Prevenzjoni** u **kontroll tat-tniġġis**
- Konservazzjoni ta' **riżorsi naturali**
- Ġestjoni tar-riskju ta' **diżastri naturali**

# 4 SANITÀ AĦJAR, TFAL AKTAR B'SAĦĦITHOM

**Is-servizzi tad-drenaġġ u l-ilma tajjeb għax-xorb tjiebu fil-bliet l-aktar kbar tal-Eġittu matul dawn l-aħħar żewġ deċennji, iżda hija storja differenti fi bliet aktar żgħar. F'żoni rurali, ħafna djar m'għandhomx konnessjoni ma' drenaġġ pubbliku. F'xi żoni, lanqas hemm sistema ta' drenaġġ pubbliku. Ħafna djar u negozji jużaw tankijiet settiċi li l-kontenut tagħhom kultant jintefa f'kanali jew fosos. Huwa komuni li d-drenaġġ joħroġ għal fuq l-art jew fil-Baħar Mediterran.**

Fl-Eġittu rurali, huma biss 18% tad-djar li huma konnessi ma' sistemi tad-drenaġġ pubbliċi u 12% sa 15% tal-popolazzjoni m'għandhiex ilma ġieri. Il-problemi tas-sanità jikkawżaw il-mard, speċjalment fost it-tfal. Bin-nuqqas ta' ilma u sanità tajbin, id-dijarea saret waħda mill-problemi tas-saħħa ewlenin għal tfal żgħar fl-Eġittu rurali.

"L-Eġittu qed tipprova tinbidel," tgħid Maria Diamanti, inġiniera tal-ilma mal-BEI. "Iżda hemm wisq proġetti fil-kampanja, għalhekk se jieħu ż-żmien biex jiġu pprovduti servizzi tas-sanità xierqa kullimkien. Qed intejbu l-ħajja pass pass."

Proġett Eġizzjan riċenti se jibni u jġedded impjanti għat-trattament tal-ilma mormi fiż-żona ta' Kafr El Sheikh fit-Tramuntana tal-Eġittu, qrib il-Baħar Mediterran. L-Eġittu se jibni jew jespandi ħames impjanti għat-trattament tal-ilma mormi u se jinstalla 695 km ta' pajpijiet tad-drenaġġ. Ix-xogħol se jtejjeb is-sanità u jipprovdi l-ilma tal-irrigazzjoni għal kważi 470 000 persuna kif ukoll jillimita l-ammont ta' tniġġis li jmur fix-Xmara Nil, fil-Mediterran u fil-Lag Burullus fil-qrib, li jappoġġja 70% tal-industrija tas-sajd tal-pajjiż.

Il-BEI approva self ta' €77 miljun għall-proġett ta' €160 miljun. Dan huwa appoġġjat mill-Bonds għal Kuxjenza dwar is-Sostenibbiltà ġodda tal-BEI. Il-bonds, maħruġa għall-ewwel darba mill-Bank f'Settembru, jappoġġjaw proġetti soċjali, ekoloġiċi u ambjentali madwar id-dinja. "L-Eġittu għandu distakk enormi fl-investiment f'termini tas-sistema tad-drenaġġ," tgħid l-ekonomista tal-ilma mal-BEI, Patricia Castellarnau. "Dan il-proġett se jagħti aċċess għas-sanità lil eluf ta' nies, iżda se jkun hemm ħafna benefiċċji oħrajn għall-irrigazzjoni, tniġġis imnaqqas, kanali aktar nodfa. L-impatt ambjentali u soċjali se jkun enormi fl-Eġittu, li huwa eżattament dak li nixtieqan għall-Bonds għal Kuxjenza dwar is-Sostenibbiltà."

> **"Qed intejbu l-ħajja pass pass."**



**Maria Diamanti**
Inġiniera tal-ilma mal-BEI

# 5 SOSTENIBBILTÀ GĦAL ŻMIEN FIT-TUL

L-iżvilupp sostenibbli ilu prijorità fuq l-aġenda tal-BEI għal bosta snin, iżda issa qed jingħata aktar attenzjoni peress li n-Nazzjonijiet Uniti adottaw 17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli biex jintemmu l-faqar u l-ġuħ, jitjiebu s-saħħa u l-edukazzjoni, jiġi miġġieled it-tisħin globali u jingħata impetu għall-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-finanzjament u l-assistenza teknika tal-BEI jappoġġjaw proġetti sostenibbli f'aktar minn 160 pajjiż u jikkatalizzaw il-finanzjament privat, li jinkoraġġixxi oħrajn biex jilħqu l-investiment fit-tul tagħna. "Nappoġġjaw l-iżvilupp armonjuż tal-partijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali ta' ħajjiet in-nies," jgħid Marco Beros, kap inġinier mal-BEI.

Mod ewlieni biex il-pjaneta tkun aktar sostenibbli huwa billi niġġieldu kontra t-tibdil fil-klima. Il-BEI huwa l-akbar fornitur multilaterali fid-dinja ta' finanzjament ekoloġiku u l-akbar emittent ta' bonds ekoloġiċi. Il-Bank jinvesti tal-inqas 25% tal-finanzjament tiegħu f'azzjoni għall-klima. Sal-2020, il-BEI għandu l-mira li jiddedika tal-inqas 35% tal-finanzjament tiegħu f'pajjiżi li qed jiżviluppaw għal investimenti li jindirizzaw it-tibdil fil-klima. Il-BEI se jiffinanzja l-ekwivalent ta' $100 biljun ta' investimenti relatati mal-klima mill-2016 sal-2020, u għaldaqstant jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-miri tal-Ftehim ta' Pariġi. Biex jilħaq dawn l-għanijiet, il-BEI jissimplifika l-azzjoni għall-klima, tgħid Monica Scatasta, il-kap tal-politika ambjentali, klimatika u soċjali mal-BEI. "Qed nistinkaw biex niżguraw li sal-2020 l-operazzjonijiet kollha tagħna jikkunsidraw it-tibdil fil-klima u jkunu kumpatibbli mal-Ftehim ta' Pariġi"

**"Qed nistinkaw biex niżguraw li sal-2020 l-operazzjonijiet kollha tagħna jikkunsidraw it-tibdil fil-klima u huma kumpatibbli mal-Ftehim ta' Pariġi"**

## Total ta' investiment għall-klima €16.2bn

**€1.1bn** Adattament għat-tibdil fil-klima

**€4.1bn** Enerġija rinnovabbli

**€2.7bn** Effiċjenza fl-enerġija

**€1.1bn** Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni

**€6.0bn** Trasport b'inqas karbonju

**€1.2bn** Mitigazzjoni oħra għat-tibdil fil-klima



**Monica Scatasta**
Kap tal-politika ambjentali, klimatika u soċjali tal-BEI

# 6 ATTIVISTA MIT-TFULIJA

## Meta bdiet issegwi l-passi ta' nannitha Soukeyna Bâ saret mexxejja għad-drittijiet tan-nisa

Soukeyna N'Diaye Bâ tilfet lil missierha meta kellha sitt snin. Ommha kellha tmur lura l-iskola biex ikollha impjieg aħjar sabiex tappoġġja lill-unika tifla tagħha. Soukeyna għaddiet minn dar għal oħra fl-irħula u l-komunitajiet rurali fis-Senegal, fejn kienet toqgħod ma' zijiet jew nanniet.

Din it-trobbija diffiċli għenitha ssir indipendenti u kapaċi taħdem ma' kull tip ta' nies. Malli kibret hija saret mexxejja f'pajjiżha u mal-Afrika kollha għad-drittijiet tan-nisa u l-iżvilupp sostenibbli. "Meta kont żgħira, kont immur għand nannti biex inżur lin-nies," tgħid Soukeyna, li issa għandha 68 sena u tgħix f'Dakar. "Dejjem kienet tgħin lin-nies u dejjem kienet timxi bosta kilometri kuljum biex tagħmel iż-żjarat. Kultant kienet tivvjaġġa distanzi twal biex issellmilhom biss. Għallmitni kemm huwa importanti li tilħaq in-nies."

> **"Il-ħajja hija aktar diffiċli għall-bdiewa ż-żgħar"**

Soukeyna ilha tilħaq ħafna lin-nies matul dawn l-aħħar ftit deċennji. Fl-1987, ħarġet bl-idea li tagħti lin-nisa fis-swieq selfiet żgħar mill-flus tagħha stess. Għenithom jibdew negozju li kien jinvolvi l-bejgħ tal-frott u prodotti oħra jew drappijiet tal-ħjata. Għallmithom dwar bejgħ, qligħ u spejjeż. Dawret din l-idea f'istituzzjoni ta' mikrofinanzjament imsejħa Female Business Development in Africa li qed tgħin lin-nisa madwar is-Senegal illum u qed tibni rabtiet sodi mad-dinja kollha ma' atturi oħra tal-mikrofinanzjament. Hija waqqfet b'mod konġunt l-International Network of Alternative Financial Institutions, grupp globali ta' organizzazzjonijiet ta' mikrofinanzjament li jgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jagħmlu aktar għan-nisa, għall-foqra u għar-residenti rurali.

"In-nisa jitrabbew b'mod li jsiru b'saħħithom ħafna fis-Senegal, iżda mhux qed jiġu appoġġjati finanzjarjament. Huwa għalhekk li waqqaft l-organizzazzjoni tiegħi," tgħid Soukeyna. "Kont naf li kien jeħtieġ li nagħmlu aktar biex nagħtuhom opportunitajiet u aċċess reali għal riżorsi finanzjarji, sabiex jiġu inklużi fl-ekonomija."

Soukeyna hija membru tal-bord tal-Grameen Crédit Agricole Foundation, organizzazzjoni li temmen li l-mikrofinanzjament inkluživ huwa l-aħjar mod biex jinqered il-faqar u biex tingħata spinta lill-ekonomija fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-BEI qed jappoġġja lil Grameen b'self ta' €12-il miljun.



**Soukeyna Bâ**
Intraprenditriċi tal-mikrofinanzjament

# 7 FONDAZZJONI TAL-MIKROKREDITU TAĦDEM BIEX IN-NIES MA JIBQGĦUX JGĦIXU FIL-FAQAR

**Grameen qed ittejjeb il-kura tas-saħħa, l-ilma u s-sanità f'komunitajiet rurali madwar id-dinja.**

Meta Eric Campos jaħseb dwar il-futur tal-Afrika, jieqaf jaħseb fit-tul qabel ma jibda jitkellem. "Il-futur tal-Afrika jista' jkun suċċess jew falliment terribbli," huwa jgħid.

Campos huwa d-direttur maniġerjali tal-Grameen Crédit Agricole Foundation, organizzazzjoni li tispeċjalizza fil-mikrofinanzjament għall-ifqar reġjuni tad-dinja. It-twemmin tal-fondazzjoni huwa li selfiet żgħar huma wieħed mill-aħjar modi biex jinqered il-faqar, titjieb l-ekonomija u biex in-nisa jingħataw drittijiet indaqs fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-fondazzjoni hija impenjata b'mod speċjali fl-Afrika rurali, fejn twettaq aktar minn 80% tan-negozju tagħha.

> "Meta nsellfu lil istituzzjonijiet lokali li jqassmu l-flus fil-qalba tat-territorji tagħhom, aħna nippromwovu l-indipendenza ekonomika tal-individwi."

Inħolqot fl-2008 mill-bank Franċiż Crédit Agricole Group u Grameen Trust, fiduċjarja mingħajr skop ta' qligħ imwaqqfa minn Muhammad Yunus, intraprenditur soċjali mill-Bangladesh li qasam il-Premju Nobel għall-Paċi fl-2006 ma' Grameen Bank talli ta bidu għall-kunċett ta' mikrokreditu għall-foqra.

It-titjib tal-kura tas-saħħa, tal-provvisti tal-ilma u tas-servizzi tas-sanità huma kollha tajbin għall-komunitajiet rurali fl-Afrika, jgħid Campos, iżda l-organizzazzjoni tiegħu trid turi li l-għoti ta' selfiet żgħar b'rati tajbin lin-nisa u l-bdiewa huwa wieħed mill-aħjar modi biex dawn iż-żoni rurali jsiru sostenibbli. Selfiet żgħar lin-nisa jgħinu biex il-familji u t-tfal ikollhom ħajjiet aktar b'saħħithom. Il-finanzjament għall-bdiewa jgħin lill-komunità kollha, huwa jgħid.

Is-self tal-BEI ta' €12-il miljun lil Grameen Crédit Agricole Foundation jiffinanzja selfiet lil istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament fl-Afrika tal-Punent. Il-fondazzjoni hija attiva fi 38 pajjiż u tat aktar minn €200 miljun f'self lil kważi 90 istituzzjoni ta' mikrofinanzjament madwar id-dinja kollha. Il-maġġoranza kbira tal-benefiċjarji ta' dan is-self mikro jgħixu f'żoni rurali.



**Eric Campos**
Direttur maniġerjali tal-Grameen Crédit Agricole Foundation

UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

# MHUX LA KEMM TIPPROVA TWARRAB NOFS IL-PJANETA

L-ugwaljanza bejn is-sessi tagħmel sens ekonomiku għall-ekonomija dinjija kollha. Li kieku n-nisa jiddaħħlu bis-sħiħ fl-isfera ekonomika, il-PDG globali jista' jikber bi $12-il triljun addizzjonali sal-2025, skont ir-rapport ta' McKinsey Global Institute. L-avvanz tal-ugwaljanza bejn is-sessi huwa tajjeb għan-nisa, il-familji tagħhom, il-komunitajiet fejn jgħixu u fl-aħħar mill-aħħar għan-negozju u l-ekonomija. Fl-2018, il-Grupp tal-BEI ta spinta għall-ugwaljanza bejn is-sessi u għall-għoti tas-setgħa ekonomika lin-nisa permezz ta' firxa ta' proġetti, inizjattivi u sħubiji.

**1** **Hija aktar minn libsa: skola tal-moda fl-Etjopja tibni netwerk intraprenditorjali tan-nisa.**

**2** **Il-ġeneru u t-tibdil fil-klima: Setgħa tan-nisa (rinnovabbli)**

**"Irridu nfasslu b'attenzjoni l-proġetti kollha tagħna sabiex kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel jibbenefikaw. Dan jirrigwarda wkoll l-għażla tas-settur it-tajjeb, peress illi xi wħud minnhom joħolqu ambjent li jippermettu aktar l-ugwaljanza bejn is-sessi."**



**Julia Chambers**
Speċjalista anzjana tal-BEI għall-iżvilupp soċjali

**"In-nisa huma l-aġenti tal-bidla. L-għoti ta' setgħa lin-nisa se jgħinna lkoll biex nindirizzaw l-isfidi urġenti: l-azzjoni għall-klima, il-migrazzjoni irregolari u l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli."**



**Maria Shaw-Barragan**
Kap tal-BEI tal-imsieħba globali

3

**Fond mikro jagħti s-setgħa lil nisa Ġordaniżi.**

## GĦOTI TA' SETGĦA STRATEĠIKU

Bl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Għoti tas-Setgħa Ekonomika lin-Nisa, il-BEI għandu l-mira li jmexxi d-drittijiet tan-nisa u l-bniet fil-qalba tal-attivitajiet tiegħu, sabiex jikkontribwixxi aktar għall-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti, u b'mod speċifiku għall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 5, li għandu l-mira li "tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi u tingħata setgħa lin-nisa u l-bniet kollha."

4

**Minn ta' quddiem fl-IA u s-saħħa: Peptidi u intraprenditriċi.**

# 1 IDEAT GĦALL-ĠEJJIENI

Fl-Etjopja, anke jekk m'intix dilettant tal-moda, aktarx li smajt b'Next Fashion Design, waħda mill-iskejjel tal-moda innovattivi tal-pajjiż. Is-suċċess tagħha jista' jiġi attribwit lil Sara Mohamed, li hija magħrufa sew talli żżid irtokki uniċi ma' ħwejjeġ Etjopjani tradizzjonali u talli tmexxi 'l quddiem il-kreat-tività fl-ilbies.

Mudella li saret disinjatriċi, Mohamed stabbiliet Next Fashion Design fl-2013 u minn dakinhar ħadmet biex toħloq niċċa għaliha nfisha fl-industrija tal-moda. B'mod aktar importanti, hija tinkoraġġixxi lill-istudenti tagħha biex jagħmlu l-istess.

Il-programmi fl-iskola huma twal bejn tliet xhur u sentejn, u 80% tal-istudenti huma nisa. Fil-ħarifa tal-2018, Mohamed irċeviet self mill-ENAT Bank tal-Etjopja, b'appoġġ minn linja ta' finanzjament tal-BEI. "Jekk nagħti setgħa lil mara, il-mara se tispira lil mara oħra u dik il-mara se tispira oħra," tgħid Mohamed. "Qisha katina, nikbru lkoll flimkien."

> "Qisha katina, nikbru lkoll flimkien. Jekk nagħti setgħa lil mara, il-mara se tispira lil mara oħra u dik il-mara se tispira oħra."

Il-BEI jappoġġja wkoll il-Women Entrpreneurship Development Project fl-Etjopja. Il-proġett jiffinanzja intrapriżi żgħar u mikro fejn in-nisa għandhom sjieda sħiħa jew parzjali. Mibdi fl-2013 b'self ta' $50 miljun mill-Bank Dinji, il-proġett minn dakinhar attira finanzjament mill-gvernijiet tal-Italja u l-Ġappun u f'Novembru 2018 mill-BEI, li pprovda self ta' €30 miljun fit-tul. Il-proġett "mela dan is-segment tal-klijenti li qed jik-ber malajr u li mhux moqdi sew," jgħid Enrico Pini, l-uffiċjal tal-investiment tal-BEI li qed jinnegozja s-self.

Il-proġett huwa mudell innovattiv, bħall-iskola ta' Sara għad-disinn tal-ħwejjeġ tal-moda.



**Sara Mohamed**
Fundatriċi ta' Next Fashion Design

# 2 SETGĦA TAN-NISA (RINNOVABBLI)

**In-nisa huma fost l-aktar vulnerabbli għall-effetti tal-bidla fil-klima. Jistgħu jkunu wkoll xi wħud mill-atturi l-aktar effettivi biex jiġġielduha. Il-Bank qed jaħdem biex jintegra s-sessi fl-isforzi eżistenti tiegħu biex jindirizza l-azzjoni għall-klima.**

Setgħa lill-bniet fl-Indja. Fl-irħula fl-istati Indjani ta' Telangana u Andhra Pradesh, l-unitajiet domestiċi kien jinqatgħalhom id-dawl sa 12-il siegħa kuljum. "Ma kellniex fann u lanqas dawl; it-tfal sabuha diffiċli biex jistudjaw. Fis-sajf tkun ħafna sħana, huwa diffiċli għat-tfal biex jifilħu għas-sħana. Il-fannijiet u d-dwal huma ta' benefiċċju," tgħid waħda mill-ħafna nisa lokali li bbenefikaw mis-self tal-BEI ta' €150 miljun fit-tul lill-Indian Renewable Energy Development Agency.

> **"Permezz ta' D-light, nista' naħdem għal aktar sigħat u siegħa b'dawl aktar qawwi."**

Il-linja ta' kreditu l-ġdida ta' €150 miljun tappoġġja €500 miljun ta' investiment fl-enerġija rinnovabbli u l-kostruzzjoni ta' parks tal-enerġija solari u parks eoliċi madwar l-Indja kollha. F'Telangana u Andhra Pradesh, dawn l-investimenti ġabu enerġija rinnovabbli affidabbli lill-komunitajiet u tejbu l-ħajjiet għan-nisa u l-bniet. B'tidwil tat-toroq aħjar, in-nisa jħossuhom aktar siguri meta jimxu fit-toroq bil-lejl u jgħinhom isibu l-ħin biex jistudjaw. Il-proġett ifisser ukoll enerġija nadifa għal aktar minn 1.1 miljun unità domestika fl-Indja.

Is-sigurtà għan-nisa hija kwistjoni importanti fuq proġetti tal-infrastruttura kbar, ukoll. Aqbad il-metro f'Bangalore, waħda mill-bliet li qed jikbru bl-aktar pass mgħaġġel fid-dinja. L-abitanti tal-belt jagħmlu aktar minn 400 000 vjaġġ kuljum fuq il-metro, li jammontaw għal aktar minn 150 miljun vjaġġ fis-sena. Parti mill-popolarità tal-ferrovija hija minħabba dispożizzjonijiet speċjali magħmula għall-passiġġieri nisa, li ġew miżjuda wara konsultazzjoni man-nisa lokali. Il-metro ddedika żewġ vaguni fuq kull ferrovija esklussivament għall-passiġġieri nisa, li huwa importanti b'mod partikolari meta l-ferrovija tkun ippakkjata. "Speċjalment meta l-ferrovija tmur lejn Mysore Road, issir iffullata ħafna u mbagħad, taf int, tkun mimlija daqs bajda. Imbagħad in-nisa jibdew iħossuhom skomdi," qalet waħda mill-passiġġieri.

## SIEGĦA B'DAWL AKTAR QAWWI

**Margaret Anyango**
Sid ta' ħanut tal-merċa f'Nairobi



Ma' nżul ix-xemx, in-negozju tal-merċa ta' Margaret Anyango kien jixxotta. Iżda mhux issa. Permezz ta' kit solari mill-kumpanija D-light, il-gabbana tagħha f'Nairobi tidher anke mill-bogħod ħafna. "Tkun xi tkun id-distanza minn fejn ikunu, il-klijenti jistgħu jaraw li għadha miftuħa billi hemm id-dawl," hija tgħid. D-light tipprovdi firxa ta' soluzzjonijiet tat-tidwil bl-enerġija solari u mhux imqabbad man-netwerk, inklużi pannelli solari, chargers tal-mowbajls, dwal solari, swiċċijiet tad-dawl, torches, radjijiet FM u anke televiżjonijiet. Il-pannelli huma faċli biex jintużaw u jistgħu joperaw bħala grilja tal-enerġija personali. U lanqas mhuma għaljin, bis-saħħa ta' sistema ta' ħlas minn qabel. S'issa, il-kits inbiegħu lil aktar minn 200 000 klijent fil-Kenja. D-light kisbet finanzjament ta' €25 miljun mill-BEI f'Marzu 2018. "Permezz ta' D-light, nista' naħdem għal aktar sigħat," tgħid Margaret, "u siegħa b'dawl aktar qawwi."

# 3 SELF MIKRO B'IMPATT KBIR

Għal 20 sena, il-Microfund for Women ipprovda finanzjament għal negozji b'sidien nisa fil-Ġordan kollu u mela distakk fis-suq minsi mill-banek lokali, li ta' sikwit mhumiex mgħammra tajjeb biex joffru self lil ditti żgħar. Il-preżenza ta' Microfund qed tibdel il-kultura tal-Ġordan. Is-selfiet ta' Microfund qed jinkoraġġixxu lin-nisa biex jaħdmu u jidħlu fl-intraprenditorija, billi jappoġġja t-tnaqqis tal-inugwaljanza bejn is-sessi.

In-nisa fil-Ġordan jammontaw għal 70% tal-persuni li jgħixu fil-faqar. Huma jaqalgħu inqas mill-irġiel, għandhom ftit kontroll fuq il-propjetà, u ta' sikwit jaffaċċjaw il-piż doppju li jkunu l-persuna ewlenija li tieħu ħsieb il-familja kif ukoll il-persuna ewlenija li taqla' l-għajxien għalihom. Microfund jaħdem ukoll mar-rifuġjati Sirjani, fejn 1.4 miljun minnhom stabbilixxew ruħhom fil-Ġordan minħabba l-gwerra ċivili fis-Sirja.

**In-nisa fil-Ġordan jammontaw għal 70% tal-persuni li jgħixu fil-faqar.**

Il-BEI ħareġ linja ta' kreditu ġdida ta' $5 miljun lil Microfund for Women, primarjament biex jgħin lill-intraprendituri nisa, lil dawk li jaħdmu għal rashom u gruppi ta' mikrointraprendituri, bħal grupp wieħed ta' rifuġjati Sirjani nisa. Il-linja ta' kreditu tal-BEI se tappoġġja selfiet lil 146 000 benefiċjarju, fejn 96% minnhom huma mistennija li jkunu nisa.

Is-self huwa appoġġjat mill-Faċilità ta' Mikrofinanzjament tal-Viċinat tan-Nofsinhar. Din il-faċilità ta' tislif ta' €71.3 miljun tgħaqqad ir-riżorsi tal-BEI stess ma' dawk tal-Kummissjoni Ewropea disponibbli taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat. Il-linja ta' kreditu hija t-tieni self tal-BEI lil Microfund for Women, wara li ngħataw €2 miljuni ta' finanzjament fl-2014.



**Il-linja ta' kreditu tal-BEI se tappoġġja selfiet lil 146 000 benefiċjarju, fejn 96% minnhom huma mistennija li jkunu nisa.**

# 4 MINN TA' QUDDIEM FL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI U S-SAĦĦA

**Huwa biss 10% ta' finanzjament minn investituri fl-UE li jmur għal kumpaniji ġodda mmexxija min-nisa. Il-BEI għandu l-mira li jimla dan id-distakk billi jappoġġja lil dawk il-kumpaniji f'kull stadju tal-vjaġġ tan-negozju tagħhom.**

Il-frammenti tal-proteini msejħa peptidi jistgħu jillimitaw il-firxa ta' marda fil-ġisem tal-bniedem. Il-problema hi li diffiċli ssibhom. Wara kollox, dawn huma biss ftit molekuli fost biljuni fi pjanta waħda. Iżda kumpanija Irlandiża, Nuritas, żviluppat teknoloġija bbażata fuq l-intelliġenza artifiċjali li tippermetti lix-xjentisti jsibu l-peptidi aktar malajr u biex dawn jinħarġu aktar malajr fis-suq, filwaqt li l-ispejjeż jitnaqqsu b'mod sinifikanti.

> **"L-għan tagħna huwa globali u dan huwa li jtejjeb il-ħajjiet ta' biljuni ta' nies."**

"L-element ewlieni biex nipprevjenu bosta mard jinsab fid-dejta dwar l-ikel," tgħid Nora Khaldi, fundatriċi u kap uffiċjal tax-xjenza ma' Nuritas. Khaldi, li hija Irlandiża u Franċiża, studjat il-matematika u kisbet ukoll dottorat fl-evoluzzjoni molekulari u l-bijoinformatika. "L-għan tagħna huwa globali u dan huwa li jtejjeb il-ħajjiet ta' biljuni ta' nies."

Khaldi użat l-għarfien tagħha fil-prattika b'dixxiplina u dedikazzjoni. Il-kumpanija tagħha hija l-ewwel waħda li qed tuża l-intelliġenza artifiċjali u l-analiżi tad-DNA biex issib u teħles il-peptidi minn sorsi naturali bħall-ikel.

Huwa biss 10% ta' finanzjament minn investituri fl-UE li jmur għal kumpaniji ġodda mmexxija min-nisa. Il-BEI għandu l-mira li jimla dan id-distakk billi jappoġġja lil dawk il-kumpaniji f'kull stadju tal-vjaġġ tan-negozju tagħhom. Il-BEI qabel li jipprovdi €30 miljun lil Nuritas – l-ewwel kumpanija Irlandiża tal-bijoteknoloġija appoġġjata mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa – sabiex taċċellera l-iżvilupp tal-pjattaforma tal-intelliġenza artifiċjali tagħhom biex jiskopru peptidi li jistgħu jipprevjenu jew jikkuraw mard b'veloċità u eżattezza tal-aqwa industrija.

"Konna impressjonati bl-użu innovattiv tagħhom tat-teknoloġija u l-livell ta' ftehimiet globali li diġà nkisbu," jgħid Stefano Marzario, l-uffiċjal tal-investiment tal-BEI li qed jaħdem ma' Nuritas. "L-għan tagħna huwa li nsibu kumpaniji innovattivi u li qed jikbru malajr, speċjalment dawk li huma mmexxija min-nisa. Nuritas tissodisfa dawn il-kriterji perfettament."



**Nora Khaldi**
Fundatriċi u kap uffiċjal tax-xjenza ta' Nuritas

## GOVERNANZA

Il-BEI huwa korp tal-UE, responsabbli għall-Istati Membri, u bank li jsegwi l-aħjar prattika bankarja applikabbli fit-teħid tad-deċiżjonijiet, il-ġestjoni u l-kontrolli.

**Il-Bord tal-Gvernaturi** huwa magħmul minn ministri tal-gvern minn kull wieħed mit-28 Stat Membru, normalment il-Ministri tal-Finanzi. Il-Gvernaturi jistabbilixxu l-linji gwida tal-politika ta' kreditu tal-Bank u darba fis-sena japprovaw il-kontijiet annwali. Jiddeċiedu fuq iż-żidiet fil-kapital u l-parteċipazzjoni tal-Bank fl-operazzjonijiet ta' finanzjament barra mill-UE. Jappuntaw ukoll il-membri tal-Bord tad-Diretturi, il-Kumitat ta' Tmexxija u l-Kumitat ta' Verifika.

**Il-Bord tad-Diretturi** jieħu d-deċiżjonijiet dwar self, programmi ta' self u kwistjonijiet oħra ta' finanzjament. Jiltaqa' għaxar darbiet fis-sena biex jiżgura li l-Bank huwa mmaniġġjat kif suppost skont it-Trattati tal-UE, l-Istatut tal-Bank stess, u d-direttivi ġenerali stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi. Hemm 29 direttur, wieħed maħtur minn kull Stat Membru u wieħed mill-Kummissjoni Ewropea. Hemm ukoll 19-il direttur supplent. Sabiex titwessa' l-kompetenza esperta professjonali tal-Bord tad-Diretturi, sitt esperti jistgħu jiġu maħtura biex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Bord bħala konsulenti mhux votanti. Id-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza li tirrappreżenta tal-anqas 50% tal-kapital sottoskritt mill-Istati Membri u terz wieħed tal-membri tal-Bord intitolat għal vot, għajr jekk ma jkunx ipprovdut mod ieħor fl-Istatut. Il-Bord huwa ppresedut mill-President f'kapaċità mhux votanti.

**Il-Kumitat ta' Tmexxija** huwa l-korp residenti tal-Bank li jieħu d-deċiżjonijiet. Jissorvelja l-ħidma ta' kuljum tal-Bank, jipprepara d-deċiżjonijiet għall-Bord tad-Diretturi u jiżgura li dawn jiġu implimentati. Jiltaqa' darba fil-ġimgħa. Il-Kumitat ta' Tmexxija jaħdem taħt l-awtorità tal-President u s-superviżjoni tal-Bord tad-Diretturi. It-tmien membri l-oħra huma l-Viċi-Presidenti tal-BEI. Il-membri jiġu maħtura għal perjodu ta' sitt snin li jista' jiġġedded u huma responsabbli biss lejn il-Bank.

Barra dan, il-Bank għandu **Kumitat ta' Verifika** indipendenti li jwieġeb direttament għall-Bord ta' Gvernaturi. Huwa responsabbli għall-verifika tal-kontijiet tal-Bank u biex jivverifika li l-attivitajiet tal-Bank huma konformi mal-aħjar prattika bankarja. Ir-rendikont tal-Kumitat ta' Verifika huwa sottomess għall-Bord tal-Gvernaturi flimkien mar-rapport annwali tal-Bord tad-Diretturi. Il-Kumitat ta' Verifika huwa magħmul minn sitt membri maħtura għal terminu li ma jistax jiġġedded ta' sitt snin finanzjarji konsekuttivi.

# XI JMISS

**Il-Bank iffissa mira ta' €63 biljun għal firem ġodda ta' tislif għall-2019. Din il-mira tassumi li jiġu sostitwiti €3.5 biljuni f'kapital imħallas li huwa mistenni li se jiġi rtirat mir-Renju Unit minħabba Brexit.**

**L-attivitajiet tal-Bank żviluppaw sew fis-snin riċenti peress li assumejna rwol akbar fl-implimentazzjoni tal-inizjattivi tal-politiki tal-UE. Il-ħidma tal-Bank bil-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi biex jiġi mobilizzat il-finanzjament privat għal proġetti ewlenin flimkien mal-fokus tagħna li nimplimentaw il-mandati tal-finanzjament wasslet għal xejn anqas minn bidla fid-DNA tal-Grupp tal-BEI.**

## Punti ewlenin mill-Pjan Operazzjonali tal-BEI għall-2019

**L-"attivitajiet speċjali" ta' riskju ogħla tal-Bank, li jinkludu proġetti marbuta mal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, għadhom jimbuttaw lill-Bank lil hinn mill-klijenti u s-swieq tradizzjonali tiegħu, u sikwit jeħtieġu aktar manodopera. Hekk kif tissokta x-xejra tas-snin riċenti, proporzjon għoli ta' ftehimiet – madwar 50% – se jiġu konklużi ma' klijenti ġodda. Dik iċ-ċifra titla' għal 80% għall-prodotti u l-inizjattivi l-ġodda tan-negozju ta' attivitajiet speċjali.**

**Il-Bank imantni l-miri ambizzjużi għal self lil intrapriżi ta' daqs żgħir u medju u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, b'żieda dejjem akbar ta' finanzjament dirett lejn intrapriżi innovattivi. Ir-riżultat huwa li l-appoġġ reali għal ditti żgħar u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja għandu jilħaq €17.4 biljun fl-2019. Meta jiġi inkluż il-finanzjament mill-Fond Ewropew tal-Investiment, l-appoġġ tal-Grupp tal-BEI għan-negozji żgħar jista' jaqbeż €22 biljun fl-2019 u l-2020.**

**Is-Servizzi ta' Konsulenza jibqgħu parti importanti tan-negozju tagħna. Nantiċipaw 528 assenjazzjoni ġdida fl-2019, madwar l-istess livell bħall-2018, biex nappoġġjaw €45 biljun f'investimenti. Aħna impenjati li kull sena niddedikaw tal-inqas 25% tal-kapaċità ta' tislif tagħna stess għall-proġetti għall-klima, u li nżidu minn 25% għal 35% is-sehem tal-finanzjament għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma ddedikati għall-azzjoni għall-klima. Għamilna impenn li niffinanzjaw total ta' $100 biljun f'investimenti tal-azzjoni għall-klima globalment mill-2016 sal-2020. Il-Bank se jkompli jiffoka wkoll fuq proġetti infrastrutturali, b'mod partikolari dawk li jnaqqsu l-iskart u li jippreżervaw ir-riżorsi.**

**Il-Bank, li ċċelebra s-sittin anniversarju tiegħu fl-2018, qiegħed jinbidel b'mod kostanti. Iżda jibqa' ddedikat li jagħmel impatt massimu fl-oqsma tal-koeżjoni soċjali, il-kompetittività u l-bidla fil-klima u biex jappoġġja l-UE bħala forza stabbilizzanti fuq il-palk dinji.**


sena
intejbu l-ħajjiet,
flimkien.
years

# OPPORTUNITÀ MWETTQA

RAPPORT TAL-ATTIVITÀ **2018**

**Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment**

**Il-Grupp tal-BEI** jikkonsisti fil-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment.

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment**
98 -100, boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Luxembourg
+352 4379-1
**www.eib.org** – **info@eib.org**

twitter.com/EIB
facebook.com/EuropeanInvestmentBank
youtube.com/EIBtheEUbank

**Il-Fond Ewropew tal-Investiment**
37B, avenue J.F. Kennedy
L-2968 Luxembourg
+352 2485-1
**www.eif.org** – **info@eif.org**

MT 06/2019